**Pieta' W.** – Neil Cuschieri, Edward Grima Baldacchino, Ray Sciberras, Dowel Buttigieg, Mario Grech, Dillon Bugeja, Anvin Mongnsieur, Joseph Cassar, Joseph Vella, Kevin Montanaro, Italo Sultana – Coach Joseph Vella
**Referee** - Grergji Bitri
**Skorers** - D. Cutajar 9, C. Sladden 10, 32, G. Farrugia 35 (S), K. Montanaro 11, I. Sultana 24, M. Grech 31 (P)

**Diviżjoni 4**
**03.12.2007 - Żebbuġ Ground**
**Riviera FC .................... 8**
**Revolution .................... 1 HT- 3-0**

**Riviera** - Jonathan Debono, Peter Frendo, Edward Borg, Martin Sammut, Matthew Degiorgio, Jeffrey Miceli Demajo, Benji Cremona – Coach Edward Borg
**Revolution** – Daniel Tabone, Liam Gauci, Pierre Brincat, David Caruana, Julian Rizzo, Clyde Triganza, Jonathan Bordieri, Justin Facciol – Coach Arthur Facciol
**Referee** - Jonathan Bonello
**Skorers** - J. Miceli Demojo 1, 21, 36, M. Sammut 11, 31, E. Borg 14, B. Cremona 29, 35 (RVR), P. Brincat (RVL)

**Diviżjoni 4**
**03.12.2007 - Żebbuġ Ground**
**Gladiators ........................... 0**
**Beta Pharma ........................ 6 HT- 0-3**

**Gladiators** - Shaun Cardona, Johann Chetcuti, Patrick Fiteni, Kevin Ellul, Clint Fava, Ryan Camilleri, Jean Paul Cardona, Marco Schembri, Edward Galea – Coach Rodney Pisani
**Beta Pharma** – Vince Tonna, Jimmy Camenzuli, Renald Formston, Anthero Agius, Mike Pavonic, Dorian Psaila, Benjamin Bugeja, Noel Saliba, Ali Prosiman, Noel Buhagair, Adrian Borg – Coach Joseph Debattista
**Referee** - Jurgen Karl Meli
**Skorers** - D. Psaila 5, 10, 23, 36, A. Prosiman 9, N. Saliba 37 (B)

**Diviżjoni 4**
**05.12.2007 - Gudja Ground**
**Dream Theater ........... 3**
**Fgura United ............. 2 HT- 1-2**

**Dream T.** - Michael Schembri, Karl Formosa, David Calleja, Matthew Bonavia, John Debono, Paul Rovkovski, – Coach Karl Formosa
**Fgura U.** - Warren Bianco, Paul Fenech, Ryan Casaletto, Silvano Pace, John Azzopardi, Kevin Gatt, Franklin Seisun – Coach John Livori
**Referee** - Grergji Bitri
**Skorers** - K. Formosa 3, 34, J. Debono 30 (D), S. Pace 17, 19 (F)

**Diviżjoni 4**
**05.12.2007 - Gudja Ground**
**Sparking Gouchos ....... 3**
**Gatecrushers .............. 2 HT- 1-1**

**Sparking G.** - Antonio Stanzani, David Cauchi, Chris Azzopardi, Simon Borg, Steve Sammut, Clive Mifsud, David Galea, Jurgen Pavanello, Alfred Camilleri, Richard Guillaumier, Sean Abela, Maurizio Xerri – Coach Simon Borg
**Gatecrushers** - Salem Javalla, Renald Cassar, Clint Attard, Chris Micallef, Brandon Psaila, James Azzopardi, Steve Cassar, Joseph Borg – Coach Eric Camilleri
**Referee** - Adrian Caruana
**Skorers** - A. Stanzani 17, S. Abela 22, 24 (SG), B. Psaila 19, S. Cassar 21 (G)

**Diviżjoni 4**
**05.12.2007 - Hamrun Ground**
**GFI .......................... 2**
**FTW .......................... 0 HT- 0-0**

**GFI** - Paul Calleja, Mark Schembri, Sandro Pace, Nicholas Sciberras, Kevin Gollcher, Mark Chetcuti, Ivan Degiorgio, Jean Paul Degaetano, John Wirth – Coach Kevin Pace
**FTW** - Josef Massa, Jonathan Grima, Peter Busuttil, Isaack Chetcuti, Jurgen Gauci, Sean Roger, Leonard MacKay – Coach Peter Busuttil
**Referee** - Norman Vella
**Skorers** - J.P. Degaetano 32, 37 (G)

**Diviżjoni 4**
**13.12.2007 - Żebbuġ Ground**
**Boca Juniors ............... 0**
**Red Marleys ............... 4 HT- 0-1**

**Boca Juniors** - Patrick Pace, Peter Bonavia, Marco Abela, Michael Gauci, Jean Paul Farrugia, Patrick Deguara, Daniel Farrugia, Keith Borg, Edward Chetcuti – Coach Keith Borg
**Red Marleys** - Jason Axiak, Karl Vella, Joseph Cauchi, Marvin Vella, Chris Micallef, Matthew Hammett, Martin Debono, Alan Spiteri – Coach Christopher Zahra
**Referee** - Jonathan Bonello
**Skorers** - M. Debono 15, 35, J. Cauchi 30, M. Vella 39 (R)

# Klassifiċi Kampjonati








## Kampjonat – I Diviżjoni

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qormi | 5 | 4 | 0 | 1 | 12 | 6 | 12 |
| Tarxien R. | 5 | 3 | 1 | 1 | 8 | 8 | 10 |
| St. George's | 5 | 3 | 0 | 2 | 9 | 4 | 9 |
| Mosta | 5 | 3 | 0 | 2 | 8 | 5 | 9 |
| Senglea A. | 5 | 3 | 0 | 2 | 5 | 3 | 9 |
| Vittoriosa S. | 5 | 2 | 1 | 2 | 3 | 4 | 7 |
| Marsa | 5 | 2 | 0 | 3 | 11 | 14 | 6 |
| Dingli S. | 5 | 1 | 2 | 2 | 4 | 7 | 5 |
| St. Patrick | 5 | 1 | 0 | 4 | 4 | 9 | 3 |
| Mellieha | 5 | 0 | 2 | 3 | 6 | 10 | 2 |

## Kampjonat – II Diviżjoni

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birzebbuga S.P. | 9 | 7 | 2 | 0 | 17 | 6 | 23 |
| Rabat A. | 9 | 6 | 0 | 3 | 13 | 6 | 18 |
| Balzan Y. | 8 | 5 | 1 | 2 | 16 | 12 | 16 |
| San Gwann | 9 | 4 | 4 | 1 | 13 | 9 | 16 |
| Melita | 9 | 5 | 0 | 4 | 15 | 11 | 15 |
| Lija A. | 9 | 5 | 0 | 4 | 13 | 10 | 15 |
| St. Venera L. | 9 | 3 | 2 | 4 | 9 | 14 | 11 |
| Naxxar L. | 9 | 3 | 1 | 5 | 6 | 10 | 10 |
| Zurrieq | 9 | 2 | 3 | 4 | 11 | 12 | 9 |
| Mgarr U. | 9 | 1 | 4 | 4 | 7 | 16 | 7 |
| St. Andrew's | 9 | 1 | 2 | 6 | 6 | 13 | 5 |
| Sirens | 8 | 0 | 3 | 5 | 4 | 11 | 3 |

## Kampjonat – III Diviżjoni - Sezzjoni A

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 7 | 6 | 1 | 0 | 17 | 3 | 19 |
| Mdina K. | 7 | 5 | 1 | 1 | 19 | 3 | 16 |
| Xghajra T. | 7 | 3 | 3 | 1 | 13 | 11 | 12 |
| Attard | 7 | 3 | 2 | 2 | 10 | 7 | 11 |
| Qrendi | 7 | 3 | 1 | 3 | 6 | 6 | 10 |
| Ghaxaq | 7 | 2 | 3 | 2 | 8 | 9 | 9 |
| Fgura U. | 7 | 2 | 2 | 3 | 8 | 9 | 8 |
| Zejtun C. | 7 | 2 | 2 | 3 | 7 | 10 | 8 |
| Siggiewi | 7 | 1 | 1 | 5 | 7 | 19 | 4 |
| Mtarfa | 7 | 0 | 0 | 7 | 3 | 21 | 0 |

## Kampjonat – III Diviżjoni - Sezzjoni B

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gozo | 6 | 6 | 0 | 0 | 19 | 4 | 18 |
| Għargħur | 7 | 4 | 2 | 1 | 15 | 6 | 14 |
| Gzira U. | 6 | 3 | 1 | 2 | 10 | 7 | 10 |
| Luqa S.A. | 7 | 2 | 3 | 2 | 9 | 12 | 9 |
| Pembroke A. | 6 | 2 | 2 | 2 | 7 | 6 | 8 |
| Kalkara | 6 | 1 | 3 | 2 | 8 | 15 | 6 |
| St. Lucia | 6 | 1 | 1 | 4 | 9 | 15 | 4 |
| Gudja U. | 6 | 0 | 4 | 2 | 5 | 11 | 4 |
| Kirkop U. | 6 | 0 | 2 | 4 | 4 | 10 | 2 |

## Kampjonat – I Diviżjoni - Għawdex

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur Y. | 5 | 5 | 0 | 0 | 11 | 0 | 15 |
| Victoria H. | 6 | 4 | 1 | 1 | 10 | 3 | 13 |
| Sannat L. | 6 | 3 | 1 | 2 | 16 | 6 | 10 |
| Għajnsielem | 5 | 2 | 2 | 1 | 9 | 6 | 8 |
| Qala SJ | 5 | 1 | 0 | 4 | 5 | 17 | 3 |
| Kercem A. | 5 | 0 | 2 | 3 | 5 | 13 | 2 |
| Xagħra U. | 6 | 0 | 2 | 4 | 4 | 15 | 2 |

## Kampjonat – II Diviżjoni - Għawdex

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SK Victoria W. | 8 | 5 | 2 | 1 | 23 | 5 | 17 |
| St. Lawrence S. | 8 | 4 | 2 | 2 | 11 | 8 | 14 |
| Xewkija T. | 7 | 4 | 1 | 2 | 20 | 11 | 13 |
| Zebbug R. | 8 | 3 | 3 | 2 | 14 | 13 | 12 |
| Għarb R. | 8 | 2 | 2 | 4 | 13 | 24 | 8 |
| Munxar F. | 7 | 1 | 3 | 3 | 6 | 15 | 6 |
| Oratory Y. | 8 | 0 | 3 | 5 | 11 | 22 | 3 |

## Kampjonat tan-Nisa

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 4 | 4 | 0 | 0 | 34 | 0 | 12 |
| Birkirkara | 4 | 3 | 0 | 1 | 15 | 3 | 9 |
| Mosta | 4 | 3 | 0 | 1 | 7 | 3 | 9 |
| Sliema R. | 4 | 2 | 1 | 1 | 10 | 3 | 7 |
| Mgarr U. | 4 | 2 | 0 | 2 | 4 | 25 | 6 |
| Melita | 4 | 1 | 1 | 2 | 10 | 11 | 4 |
| St. Venera Y.B. | 4 | 1 | 0 | 3 | 2 | 5 | 3 |
| Pembroke A. | 4 | 1 | 0 | 3 | 3 | 19 | 3 |
| Lija A. | 4 | 0 | 0 | 4 | 1 | 17 | 0 |

# Klassifiċi Futsal




### Futsal – I Diviżjoni

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Euro Pilot Acad | 5 | 5 | 0 | 0 | 37 | 24 | 15 |
| Aluserv | 4 | 4 | 0 | 0 | 36 | 6 | 12 |
| SouthendrsVitel | 4 | 3 | 0 | 1 | 18 | 15 | 9 |
| El Mundos | 4 | 3 | 0 | 1 | 22 | 22 | 9 |
| LuxolAmazonPago | 5 | 2 | 1 | 2 | 23 | 21 | 7 |
| Scandals Bar | 4 | 2 | 0 | 2 | 19 | 12 | 6 |
| Powerade | 3 | 1 | 1 | 1 | 12 | 14 | 4 |
| Jeepers FC | 4 | 1 | 0 | 3 | 24 | 25 | 3 |
| Head Hunters | 3 | 1 | 0 | 2 | 13 | 17 | 3 |
| Kerygma Kristal | 4 | 1 | 0 | 3 | 21 | 26 | 3 |
| Zurrieq OldBoys | 4 | 1 | 0 | 3 | 9 | 24 | 3 |
| Wilkinson Sword | 4 | 0 | 2 | 2 | 11 | 20 | 2 |
| Stingrays | 4 | 0 | 0 | 4 | 10 | 29 | 0 |

### Futsal – II Diviżjoni Sezzjoni A

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Naxxar Motors | 5 | 4 | 1 | 0 | 19 | 10 | 13 |
| Zurrieq FC | 4 | 3 | 0 | 1 | 14 | 5 | 9 |
| Pentagon Prop | 3 | 2 | 1 | 0 | 14 | 8 | 7 |
| Paola Stars | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 7 | 4 |
| SafiSouthsiders | 5 | 1 | 1 | 3 | 10 | 17 | 4 |
| Thomas Cook D. | 2 | 0 | 0 | 2 | 4 | 9 | 0 |
| Pieta RMFWolves | 4 | 0 | 0 | 4 | 7 | 18 | 0 |

### Futsal – II Diviżjoni Sezzjoni B

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Clarion FC | 4 | 4 | 0 | 0 | 24 | 9 | 12 |
| Dep. Sta. Cruz | 3 | 2 | 1 | 0 | 15 | 7 | 7 |
| Swing Kids FC | 4 | 2 | 0 | 2 | 13 | 14 | 6 |
| Korol Attrans | 5 | 2 | 0 | 3 | 16 | 18 | 6 |
| Fugazi 5 | 4 | 1 | 1 | 2 | 12 | 18 | 4 |
| ECB FC | 4 | 0 | 3 | 1 | 11 | 14 | 3 |
| Lazio SC | 4 | 0 | 1 | 3 | 14 | 25 | 1 |

### Futsal – III Diviżjoni Sezzjoni A

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| White Doves | 4 | 3 | 1 | 0 | 9 | 5 | 10 |
| Los Street Boyz | 4 | 3 | 0 | 1 | 9 | 7 | 9 |
| New Team | 3 | 1 | 1 | 1 | 7 | 4 | 4 |
| Classics FC | 4 | 1 | 1 | 2 | 13 | 14 | 4 |
| Warriors | 4 | 1 | 0 | 3 | 10 | 14 | 3 |
| Central Bank | 3 | 0 | 1 | 2 | 7 | 11 | 1 |

### Futsal – III Diviżjoni Sezzjoni B

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hacienda Bar | 4 | 4 | 0 | 0 | 19 | 5 | 12 |
| River Plate | 4 | 3 | 1 | 0 | 17 | 10 | 10 |
| Zabbar Chievo | 4 | 1 | 1 | 2 | 13 | 15 | 4 |
| AC Trampi | 4 | 1 | 0 | 3 | 7 | 12 | 3 |
| Drunkards | 4 | 1 | 0 | 3 | 7 | 14 | 3 |
| Citroen Versity | 4 | 0 | 2 | 2 | 10 | 17 | 2 |

### Futsal – III Diviżjoni Sezzjoni Ċ

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tal-Werqa SG | 3 | 3 | 0 | 0 | 15 | 3 | 9 |
| St Helen BC | 4 | 2 | 1 | 1 | 6 | 8 | 7 |
| Blurred Minds | 3 | 2 | 0 | 1 | 11 | 6 | 6 |
| Demons | 3 | 1 | 1 | 1 | 7 | 7 | 4 |
| Tension | 4 | 1 | 0 | 3 | 8 | 15 | 3 |
| Busy Bee | 3 | 0 | 0 | 3 | 3 | 11 | 0 |

### Futsal – IV Diviżjoni Sezzjoni A

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mosta FC | 3 | 3 | 0 | 0 | 14 | 4 | 9 |
| Beta Pharma | 2 | 2 | 0 | 0 | 12 | 2 | 6 |
| Hamrun Spartans | 2 | 2 | 0 | 0 | 5 | 2 | 6 |
| Capital Boys | 2 | 1 | 1 | 0 | 5 | 3 | 4 |
| Pembroke A. | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 8 | 4 |
| Rabat Ajax | 3 | 1 | 0 | 2 | 9 | 8 | 3 |
| Gatecrashers | 3 | 1 | 0 | 2 | 5 | 8 | 3 |
| Cougars | 2 | 0 | 0 | 2 | 3 | 8 | 0 |
| Sp Gauchos | 2 | 0 | 0 | 2 | 3 | 8 | 0 |
| The Gladiators | 2 | 0 | 0 | 2 | 0 | 11 | 0 |

### Futsal – IV Diviżjoni Sezzjoni B

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PointBreak Bobs | 4 | 3 | 0 | 1 | 11 | 10 | 9 |
| Red Marleys | 3 | 2 | 1 | 0 | 11 | 6 | 7 |
| Sliema Futsal | 3 | 2 | 0 | 1 | 16 | 4 | 6 |
| Birkirkara SJ | 3 | 2 | 0 | 1 | 13 | 7 | 6 |
| Qormi FC | 3 | 2 | 0 | 1 | 10 | 6 | 6 |
| Black Stars | 3 | 1 | 1 | 1 | 10 | 14 | 4 |
| Corinthians | 3 | 1 | 0 | 2 | 5 | 7 | 3 |
| Boca Juniors | 2 | 1 | 0 | 1 | 5 | 8 | 3 |
| GFI | 1 | 0 | 0 | 1 | 2 | 4 | 0 |
| FTW | 2 | 0 | 0 | 2 | 5 | 8 | 0 |
| The Zepplins | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 16 | 0 |

### Futsal – IV Diviżjoni Sezzjoni Ċ

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riviera FC | 3 | 3 | 0 | 0 | 16 | 3 | 9 |
| Rookies | 2 | 2 | 0 | 0 | 9 | 5 | 6 |
| Dream Theatre | 2 | 2 | 0 | 0 | 6 | 4 | 6 |
| Melita FC | 2 | 1 | 0 | 1 | 12 | 8 | 3 |
| Mirachem | 2 | 1 | 0 | 1 | 5 | 5 | 3 |
| Fgura U. | 3 | 1 | 0 | 2 | 8 | 12 | 3 |
| The Revolution | 2 | 1 | 0 | 1 | 6 | 12 | 3 |
| Napoli Club | 2 | 0 | 0 | 2 | 4 | 8 | 0 |
| AC Vipers | 2 | 0 | 0 | 2 | 3 | 7 | 0 |
| Atl Camarades | 2 | 0 | 0 | 2 | 4 | 9 | 0 |





# "Il-prioritajiet tagħna postna fil-Kampjonat"

**Intervista minn Björn Vassallo**

***Int ilek president ta' Pietà Hotspurs għal bosta snin. Minn club żgħir tal-passat irnexxielkom tirbħu l-promozzjoni għall-Kampjonat Premier u bqajtu ssaħħu postkom f'din id-diviżjoni. X'inhuma l-prioritajiet għall-club ta' Pietà Hotspurs?***

Il-prioritajiet tagħna dejjem jibqgħu li l-club jibqa' jeżisiti u jiffunzjona.

***Intom wieħed minn dawk il-clubs li trawmu l-players tagħkom, tinvestu ħafna flus fin-Nursery biex tieħdu l-frott mixtieq fit-team tal-kbar. Kemm jirrendi dan l-investiment?***

Għall-club fih innisfu ma jrendix ħafna, iżda fir-rigward tal-football Malti mal-medda tas-snin irrenda bil-kbir minħabba li l-club jipproduċa ħafna players.

***Tista' ssemmi xi players li ħarġu mill-club ta' Pietà Hotspurs li llum għamlu isem għalihom?***

Kien hemm players li ħarġu mill-club tagħna u oħrajn li konna ġibna minn clubs oħra f'età żgħira fejn il-club tahom iċ-ċans li jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

Eżempju - Ivan Woods kien player ta' Valletta, li iżda, sab bosta problemi biex isib post regolari fit-team. Għaldaqstant huwa ingħaqad magħna biex eventwalment kompla jiżviluppa l-potenzjal u l-kapaċitajiet tiegħu bil-konsegwenza li Sliema Wanderers iffirmawh magħhom fejn rebaħ bosta unuri mal-club u anke personali.

Players oħrajn kienu Massimo Grima, Cleavon Frendo, Malcolm Licari, Gareth Sciberras, Andrew Hogg, Saviour Darmanin, Daniel Theuma ......

***Għandkom coach li għandu esperjenza vasta. Kemm hija diffiċli li ssib coach li jkun jifhem dak li jrid il-club u jaħdem skond il-filosofija ta' l-istess club?***

Il-fatt hu li qabel ma jiġi ngaġġat coach irid jiġi spjegat il-proġett u l-aspettattivi tal-club għall-istaġuni rispettivi u mhux għall-glorja personali.

Wieħed irid ikun realistiku u jgħid li Pietà Hotspurs huwa club bil-limitazzjonijiet tiegħu. Mhux għax ma nkunux irridu nirbħu xi unur għax inkella ma nkunux ġusti magħna nfusna. Iżda rridu niffaċċjaw ir-realtà u nammettu li għal club żgħir bħal tagħna, l-objjettivi prinċipali tagħna huma li nżommu postna fl-ogħla diviżjoni mingħajr ebda pretensjoni.

***Nitkellmu dwar il-kampjonat ta' dan l-istaġun. Kulħadd sostna li r-rebħa tagħkom kontra Sliema Wanderers kienet sorpriża. Kemm verament kienet sorpriża għalik din ir-rebħa?***

Li għelibna lil Sliema Wanderers tista' titqies bħala waħda sorpriża minħabba li dak in-nhar kien hemm bosta players regolari neqsin. Iżda kemm ilni president ta' dan il-club tgħallimt li ma nieħu l-ebda riżultat bħala sorpriża. Dan għaliex kull team, fil-ġurnata tiegħu, jista' jegħleb lil kulħadd.

***Kulħadd jitkellem dwar spekulazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-football Malti. Intom il-presidenti tal-clubs tiddiskutu dwar dan?***

Kulħadd jiddiskuti .... Kull min jitlef jilmenta dwar il-korruzzjoni. Min ikun minn fuq qatt ma "jibki". Fil-ħajja ta' kuljum u tul iż-żminijiet dan il-fenomenu dejjem eżista. Inkun ipokrita jekk ngħid li ma jeżistix iżda jrid jiġi ssostanzjat bil-provi biex ngħidu li teżisti l-korruzzjoni kif qed tiġi minfuħa minn kull anglu. Żgur li l-ispekulazzjonijiet tan-nies ma tistax toqgħod fuqhom.

***Niftakruk tressaq bosta proposti dwar kif il-clubs jistgħu jqumu fuq saqajhom. Għaliex dawn qatt ma ġew attwati u x'inhuma l-akbar diffikultajiet ta' l-amministrazzjoni tal-clubs?***

Jiena naħseb li fil-football Malti jiġri li dawk in-nies li jidħlu għal terminu ta' club ikunu jridu jagħmlu suċċess u jirbħu l-unuri fi żmien qasir u għaldaqstant jinsew id-diffikultajiet u l-problemi li jkun fih il-club. Hawn nuqqas ta' nvestiment għal dawk li huma faċilitajiet għalkemm f'dawn l-aħħar snin sar progress u jista' jkun ukoll li wasal iż-żmien li s-sistema tad-deċiżjonijiet kif jittieħdu fl assoċjazzjoni issa tibda tinbidel b'mod gradwali. Qabel kien hemm prioritajiet oħrajn li l-ogħla ġerarkija ta' l-Assoċjazzjoni kellha tieħu ħsieb. Kien hemm bosta tibdil fir-regolamenti (biex inkunu f'konformità ma' dawk tal-FIFA u tal-UEFA) u naħseb li wasal iż-żmien biex il-"poter" ta' l-istess Assoċjazzjoni jinfirex aktar fuq kulħadd.

***Inti għandek bosta kuntatti speċjalment fl-Italja. Kemm tqis li hija mportanti li player ta' livell jmur jilgħab f'kampjonati barra minn xtutna?***

U żgur li hija mportanti. Jien nemmen li f'Malta hawn bosta players b'talenti kbar u naturali. Iżda sfortunatament ħafna huma dawk li mhumiex lesti li jagħmlu sagrifiċċju personali minħabba li jeżistu




Pietà H. fil-passat

# huma li nżommu Premier"

## - Edward Schembri, president ta' Pietà H.

bosta distrazzjonijiet.

Għalhekk ikun aħjar għalihom li jingħaqdu ma' timijiet oħrajn f'kampjonati barranin minħabba li jkollhom iċ-ċans jgħixu l-ħajja professjonali u dixxiplina biex jiksbu r-rispett tagħhom infushom b'attitudni pożittiva. B'hekk dawn l-istess players jingħataw iċ-ċans li jilħqu l-għanijiet tagħhom billi jagħmlu l-grad.

Iżda jekk player iħares lejn "x'se nieħu" qabel ma "x'se nagħti" ikun qed ifittex ir-riċetta tal-falliment.

***Għalkemm bħala club għandkom faċilitajiet tajbin xorta waħda ssibu problemi biex l-iskwadri tal-kategoriji kollha tagħkom jitħarrġu bl-aħjar mod. Kif pajjiżi oħra jegħlbu din l-isfida u nvestew f'dan ir-rigward u f'pajjiżna għadna lura f'dan is-sens?***

Jiddispjaċini ngħid li f'Malta ma teżisti l-ebda mentalità sportiva. Anke meta jinbena ground, dan ma jsirx bi skop ta' komunità. Jekk wieħed jara l-grounds li nbew matul is-snin, wieħed jinnota li qatt ma kien hemm il-ħsieb li jsir stand għall-pubbliku biex igawdi l-avvenimenti li jsiru bil-kumdità.

Sfortunatament għadhom ma bdewx jinbidlu dawn l-affarijiet. Nittama li fil-futur qrib din il-mentalità tibda tinbidel u mingħajr ma niġi miftiehem ħażin nisħaq li l-politikanti għandhom jerfgħu r-responsabbiltà u jidħlu b'impenn biex il-mira ta' kull proġett sportiv għandu jsir biex jgħin lill-komunità.

***Ħafna presidenti tal-Premier stqarru li l-format tal-kampjonat mhux xieraq. Int taqbel ma' dan il-format?***

Nista' ngħid li naqbel jew ma naqbilx. Iżda kemm ilna nilagħbu fil-Kampjonat Premier lgħabna taħt tliet formati differenti. Kollha għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom. L-istess, meta r-riħ ikun favur kulħadd jaqbel mal-format iżda meta r-riħ idur kontra kulħadd jilmenta li l-format mhuwiex ġust. Naħseb li dik hija l-mentalità ta' kull sportiv Malti.

***Sena wara sena nilmentaw minħabba waqfien fit-tul tal-kampjonat kif ukoll li l-players tal-clubs rispettivi jitħarrġu aktar mat-team nazzjonali milli ma' l-istess clubs, dwar problemi ta' salarji u nuqqas ta' inċentivi.***

***Meta tisma' dan kollu kemm taħseb li l-futur jista' jkun aħjar mil-lum?***

Għal min iħobb il-football dejjem jittama li għada jkun aħjar mil-lum. Iżda jekk l-awtoritajiet, li jinkludu l-istat, l-Assoċjazzjoni u l-clubs, ma jiġbdux ħabel wieħed għall-ġid tal-logħba naħseb li se nibqgħu lura biex naslu għal dak il-livell li ninsabu fih illum. Nemmen li jrid ikun hemm diskussjonijiet b'mod regolari biex jingħelbu dawn il-problemi.

***Liema kien l-akbar sodisfazzjon għalik kemm ilek fil-kariga ta' president fil-club ta' Pieta Hotspurs?***

Hemm ħafna iżda l-aktar mument li nibqa' niftakar huwa l-istaġun meta rbaħna l-promozzjoni għall-Kampjonat Premier, fl-1993-94.

***... u liema kienu dawk id-diżappunti li ma tinsa qatt?***

Id-diżappunti tiegħi huma meta nara lil dawk il-players żgħażagħ li jkollhom futur li, iżda, jew minħabba xi vizzju ikrah, nuqqas ta' dixxiplina u minħabba kull xorta ta' distrazzjoni oħra ma jibqgħux fid-direzzjoni l-ġusta.

Idejjaqni wkoll l-indħil tal-ġenituri li ma jħallux lill-coaches jaħdmu għall-istess ġid ta' uliedhom billi jiżviluppawlhom it-talenti tagħhom. Dan in-nuqqas ta' koperazzjoni u nuqqas ta' fiduċja żgur li ma jgħinx lil dawk il-coaches biex jaħdmu f'ambjent trankwill.

## Pietà Hotspurs

**Storja:**
Il-club preżenti ta' Pieta' Horspurs ikkompeta għall-ewwel darba fl-MFA fl-1974-75 fejn ipparteċipaw fir-Raba' Diviżjoni u kienu ġew promossi mill-ewwel għat-Tielet Diviżjoni. Qabilhom, fis-snin tletin, fil-kompetizzjonijiet tal-MFA kien hemm club ieħor bl-isem ta' Pieta' Spurs li kien anke rebaħ il-kampjonat tar-Raba' Diviżjoni u fl-1937-38 meta fiċ-Championship Decider kienu għelbu lil Zabbar Amateurs 2-1. Dan it-team dam l-MFA sakemm bdiet it-Tieni Gwerra.

**L-Ewwel Logħba:**
Raba Diviżjoni: 23-10-1934: Hamrun Spartans - Pieta' Spurs 2-0. Dan kien it-tieni team ta' Hamrun Spartans. L-ewwel team tagħhom ipparteċipa fl-Ewwel Diviżjoni.

**L-Ewwel Logħba fil-Kampjonat Premier:**
28-08-1994: Pieta' Hotspurs - Naxxar Lions 1-1

**Unuri:**
Champions tal-Ewwel Diviżjoni: 1995-96
Champions Tielet Diviżjoni: 1984-85 u 1987-88
Champions tar-Raba Diviżjoni: 1937-38
Rebbieħa tan-Knock Out tat-Tielet Divizjoni: 1981-82
Champions Tielet Divizjoni Reserves: 1982-83 (Sezzjoni A); 1986-87 (Sezzjoni B)
Champions tal-Kampjonat tar-Reserves: 1988-89 (Section B); 1991-92: Section B)
L-Aqwa Skorer fil-Kampjonat Premier: Malcolm Licari 65 goals.


Pietà H. staġun 2007/08

# "Nixtieq li nkun involut fl-isport nagħti s-sehem tiegħi"

## - Carmel Busuttil, coach ta' Pietà H.

***Carmel Busuttil illum huwa meqjus bħala player leġġendarju tal-logħba domestika u minn fost l-aqwa ta' kull żmien. Kif irnexxielek tilħaq dan it-tragward?***

Fil-karriera tiegħi għamilt ħafna sagrifiċċji personali biex irnexxieli nilħaq l-obbjettivi tiegħi. Huwa ta' sodisfazzjon kbir li nkun meqjus bħala player leġġendarju iżda fil-perijodu tiegħi kien hemm ukoll players tajbin. L-aktar u mhux l-inqas kien Ray Vella li kien ukoll player komplet aktar minni.

***Int irbaħt u għamilt kollox fil-football. Irbaħt il-kampjonat u l-FA Trophy, captain tat-team nazzjonali, lgħabt f'kampjonati barra minn xtutna, assistant coach tat-team nazzjonali, coach fil-kampjonat domestiku u saħansitra għandek skola tal-football speċjalizzata. X'fadal li tagħmel fil-karriera tiegħek?***

Bħala player irnexxieli nilħaq kull obbjettiv personali. Minn mindu kont żgħir kelli żewġ ħolmiet – dik li nilgħab mat-team nazzjonali u li nilgħab f'kampjonat barra minn Malta – u t-tnejn irnexxieli nagħmilhom. Anke fil-karriera ta' player, irnexxieli nirbaħ kull unur domestiku kif ukoll dak personali. Bħalissa għadni fil-bidu tal-karriera ta' coach u nixtieq nirbaħ ukoll bosta suċċessi.


Carmel Busuttil meta kien assistent ta' Horst Heese mat-Team Nazzjonali Malti

***Bejn meta bdjet tilgħab ma' Rabat Ajax, fis-snin tmenin għaż-żmien tal-lum kemm taħseb li nbidlu l-prioritajiet tal-football Malti?***

Kif jaf kulħadd, il-football inbidel ħafna, kemm tattitikament kif ukoll fiżikament. Imma fl-istess waqt wieħed ma jistax jikkompara d-differenza minħabba li l-prioritajiet baqgħu l-istess li kulħadd irid jirbaħ.

***Inti lgħabt taħt il-gwida ta' bosta coaches. Liema minnhom tqis li kien l-aktar strumentali għalik?***

Ma naħsibx li nista' nsemmi xi wieħed partikolari minħabba li kull coach li ħdimt taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sa mill-bidu tal-karriera, dejjem sibt l-għajnuna tiegħu. Ma naħsibx li nkun ġust li kieku kelli nindividwalizza xi wieħed minnhom. Kollha kellhom il-mod u l-istil tagħhom u dejjem tgħallimt xi ħaġa ġdida.

***Nitkellmu dwar l-esperjenza tiegħek ma' KRC Genk, fil-Belġju. Wara staġun li lgħabt għal Nuova Verbania (1987-88) ingħaqad dan it-team. Min wasslet hemmhekk?***

Il-kuntatt beda mill-kowċ Ġermaniż Horst Heese. Wara li kelli xi differenzi ma' Nuova Verbania u Rabat Ajax, kien hu li għamel kuntatt biex jien immur ma' KRC Genk għal prova.

***Qatt kont tgħid li din l-esperjenza kienet se tkun suċċess għalik u għat-team tiegħek?***

Iva. Minn dejjem kont bniedem li nemmen fija nnifsi. Qatt ma kont naħseb li setgħet ma rnexxitx għax jien ottimist f'dak kollu li nagħmel. Ma jfissirx li ma ltqajtx ma' problemi iżda finalment dejjem għaraft kif negħlibhom u nkompli nikkonċentra f'dak kollu li kont qed nagħmel.

***X'rapporti kellek mal-partitarji ta' KRC Genk u kif ukoll mad-diriġenti tal-klabb?***

Kelli rapporti tajbin ħafna. Sena minnhom, dik fl-1992, irbaħt iż-Żarbun tad-Deheb meta ġejt ivvutat bħala l-aħjar player minn 25 Supporters' Club. Dan l-aħħar ġie ppubblikat ktieb ukoll bl-isem ta' "L-20 persuni tad-Deheb" u ġejt magħżul bħala wieħed minnhom. Dan huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija.

***Dan l-aħħar il-livell tat-team nazzjonali għola. Waslu xi riżultati tajba u ftakarna fi żmien il-"Bużu" meta kontra kull qawwa kien jirnexxielu jiskorja. Wara l-logħbiet kontra l-Ungerija, il-Moldova u t-Turkija kien hemm partiti li ma kienx hemm l-istess konsistenza. X'taħseb li għandu jsir biex verament ikollna din il-konsistenza fil-logħob tagħna?***

Din it-tweġiba dejjem tirrepeti ruħha. Fil-perijodu tiegħi kien jingħad l-istess. Niftakar li meta konna niksbu xi riżultati tajbin kien jiġi rrappurtat li t-team nazzjonali jinsab fid-direzzjoni l-ġusta u fit-triq is-sewwa. Imbagħad meta konna nsofru l-ewwel telfa nerġgħu niġi għan-normali.

Naħseb l-aspettattivi ta' kif inhu l-livell tal-football Malti, jekk jirnexxielna niksbu dawn it-tip ta' riżultati jkunu ta' sodisfazzjon kbir meta wieħed irid iqis ukoll il-limitazzjonijiet tagħna.

***It-team ta' Pietà Hotspurs huwa kompost minn għadd ta' players żgħażagħ. X'inhuma l-għanijiet prinċipali tagħkom?***

L-ewwel obbjettiv huwa li nżommu postna fil-Kampjonat Premier. Kif għedt tajjeb int, l-iskwadra ta' Pietà Hotspurs hija magħmula minn għadd ta' żgħażagħ mingħajr esperjenza ta' l-ogħla diviżjoni. Għaldaqstant ma għandna l-ebda pretensjonijiet u m'inix qed nistenna affarijiet kbar minnhom. Iżda fl-istess waqt jien ninsisti li għandhom jagħtu l-impenn massimu tagħhom. Kif wieħed jista' jinnota it-team preżenti ta' Pietà Hotspurs huma t-team tal-futur bi prestazzjonijiet tajbin u b'riżultati validi u mportanti.

***Minkejja li għandhom faċilitajiet tajbin u pitch b'turf sintetiku xorta waħda dan mhuwiex biżżejjed biex jaqdi kemm lill-kategoriji tan-Nursery kif ukoll lill-iskwadra tal-kbar. Kemm taħseb li l-football f'pajjiżna qed ibati min-nuqqas ta' infrastruttura u faċilitajiet oħra?***

Ħafna. Fil-fatt aħna nagħmlu t-taħriġ f'ħin speċifikat minħabba li qabilna l-pitch ikun għad-dispożizzjoni tan-Nursery kif ukoll għall-kategorija taż-Żgħażagħ. Minħabba ċ-ċokon ta' spazju ma nistgħux indumu nittrenjaw sa aktar tard mit-8.00 p.m. minħabba li jkun mikri għal ħaddieħor. Din hija problema kbira u għaldaqstant kull partitarju għandu japprezza l-isforzi ta' dawn il-players żgħażagħ meta jkunu qed jilagħbu kontra timijiet qawwija fil-Kampjonat Premier.

***Għalkemm dan l-aħħar snin kontu dejjem ma' l-aħħar erba' timijiet fil-klassifika dejjem sibtu s-saħħa tqumu għall-okkażjoni u ssalvaw postkom. Ma taħsibx li jekk dejjem tħallu għall-aħħar jista' jkun li xi darba tiġikom ħażina?***

L-objjettiv tagħna din is-sena huwa li nikkwalifikaw għaċ-Championship Pool. Mhux faċli minħabba li, kif għedt qabel, il-players tagħna ma għandhomx esperjenza fl-ogħla diviżjoni. Jekk f'każ li nerġgħu nispiċċaw fir-Relegation Pool, naħseb li nibdew b'vantaġġ minħabba li jkollna punti biżżejjed biex inkomplu nibnu fuqhom u nsalvaw mir-Relegazzjoni.

# in ġenerali billi nkompli




***Fil-passat rajnik bħala assistant coach ta' Horst Heese fit-tmexxija tat-team nazzjonali. Għaliex dak il-pjan li kellu jarak tieħu l-kontroll wara t-tluq ta' Heese falla?***

Kien hemm affarijiet li jien u l-MFA ma qbilniex dwarhom. Xejn aktar.

***Għaliex taħseb li nies bħalek b'esperjenza vasta u atleti oħrajn minn kull dixxiplina sportiva oħra għandhom ikunu parti minn pjan nazzjonali li jipprovwomu l-isport fil-parteċipazzjoni u fil-prattika?***

Jien dejjem nixtieq li nkun aktar involut fl-isport billi nagħti s-sehem tiegħi. Imma sfortunatament ċerti istituzzjonijiet sportivi jiġu mmexxija minn nies li qatt ma lagħbu football u qatt ma għamlu sport.

***Liema kien l-isbaħ goal fil-karriera tiegħek?***

L-aktar goal sabiħ fil-karriera tiegħi kien dak li skurjajt kontra l-Ungerija (1-1) fin-Nep Stadium, nhar it-12 ta' April, 1989. Iżda l-aktar wieħed sinjifikanti u li tani sodisfazzjon kbir kien dak ta' kontra l-Ġermanja (2-3) nhar is-16 ta' Diċembru, 1984, meta kont ftaħt l-iskor wara għaxar minuti. F'din il-logħba l-Istadium Nazzjonali kien mimli bil-partitarji Maltin li mal-goal tiegħi sploda!!

***Min kien l-aktar player li kien viċin tiegħek matul is-snin li għamilt tilgħab mat-team nazzjonali Malti?***

Kien hemm bosta players li kienu qrib tiegħi fosthom Silvio Vella, Martin Gregory, John Buttigieg, Joe Galea u Ernest Barry. Dawn il-players kienu mpekkabbli.

***X'kien l-isbaħ għalik – l-esperjenza li tlaqt biha ma' Rabat Ajax jew dik li spiċċajt biha ma' Sliema Wanderers?***

Li tirbaħ kampjonat mat-team tal-lokal tiegħek li kien mimli żgħażagħ, kien l-akbar sodisfazzjon tiegħi fix-xena lokali.

***Inti ġejt ivvutat bħala l-aħjar player f'dan l-aħħar 50 sena. Dan xi jfisser għalik?***

Sodisfazzjon personali.

***Int lgħabt 113 partita mat-team nazzjonali u skurjajt 13-il goal. Skurjajt ukoll aktar minn 150 goal fil-kampjonat domestiku.***

## Formazzjoni tipika dan l-istaġun

1. Miguel Montfort
2. Pierre Aquilina
3. Carl Sammut
4. Peycho Deliminkov
5. Rymen Galabov
6. Svetlan Kondev
7. Martin Deanov
8. Silvan Ciscaldi
9. Edward Herrera
10. Glanville Goodlip
11. Quilin Refalo

***Taħseb li fil-futur qrib jista' jkollna player leġġenda bħalek?***

Iva. Michael Mifsud huwa l-aqwa eżempju. Anzi, huwa qed jagħmel isem kbir għal Malta meta kulħadd jaf li qed jilgħab ma' Coventry City, fil-League Championship ta' l-Ingilterra. Nawgura lil kull player Malti li jimxi fuq l-istess passi.

***Li kieku Carmel Busuttil għandu l-jedd jiddeċiedi u jwettaq, x'tagħmel u f'hiex tinvesti biex il-football f'pajjiżna jilħaq livelli aħjar?***

L-ewwel nett indaħħal l-isport b'mod aktar serju fl-iskejjel biex inissel aktar kuxjenza fost it-tfal minħabba l-problema ta' l-obeżità u nwaqqaf ukoll faċilitajiet adekwati biex dawn it-tfal jieħdu l-isport b'aktar serjetà.

## MALTA FOOTBALL ASSOCIATION LEAGUE 1947-48 (L-ewwel parti)

# Floriana jibdew b'rebħa kbira kontra St. George's

minn Tonio Farrugia

### L-Ewwel Ġurnata

04.10.1947:
**Naxxar Lions . 2**
**Melita FC........0** **HT: 2-0**
Skorers: N. Calleja 2' u Ċ. Depares pen. 10'

**Naxxar Lions**: Ġanni Catania, Emmanuel Falzon, Patist Attard, Joseph Zammit, Nikol Aquilina, Joe Pace, Ċensu Depares, Joe Cassar, Ninu Calleja, Leli 'Likku' Saliba, Harry 'Tiġieġu' Tanti.

**Melita FC**: Joe Cassar, Donald Mercieca, Karl Bencini, S. Azzopardi, Peppi Paris, George Bencini, Lino Paris, Portelli, Ralph Tabone, Joey Agius, S. Borg.

1. Il-goal tal-ex Ċensu Depares li Naxxar Lions ħadu mingħand Melita FC fis-sajf, sab lill-ex-club tiegħu fid-debutt tiegħu ma' Naxxar Lions u skorjalhom wara għaxar minuti. Depares kien iffirma bħala professional ma' Naxxar Lions u beda jaqla' is-somma massima ta' Lm40 fis-sena kif stipulat fir-regolamenti ta' l-MFA. Akkwist ieħor ta' Naxxar Lions kien Harry Tanti 'It-Tiġieġu' mingħand Sliema Wdrs. FC.

2. Melita FC akkwistaw lill-aħwa Peppi u Lino Paris mingħand Vittoriosa, Frankie Tabone u Ġiġi Bonaci mingħand Floriana FC u Ralph Tabone. Huma però tilfu ħames pilastri mit-team tas-sena ta' qabel meta l-goalkeeper Joe Doggett, 'Budgy' Dowling, 'Jumbo' Azzopardi, Dr. Maurice Decesare u Ċensu Depares kollha sieħbu clubs oħra.

3. Melita kellhom tliet players regolari nieqsa meta kellhom lil Victor Bencini b'uġieħ fl-irkoppa, Ġiġi Bonaci bil-problemi tal-cartilage u Michael Demaria li kellu riħ.


Goal ta' St. George's kontra Naxxar Lions (1947)

05-10-1947:
**Floriana...........7**
**St. George's.....2** **HT: 4-1**
Skorers: P. Galea (F) 7', S. Cachia (St. Geo) 10', V. Farrugia (F) 34', H. Herbert (F) 44', P. Galea (F) 45' u 55', G. Flask (St. Geo) 63', H. Herbert (F) u H. Herbert (F).

**Floriana FC**: Frans Busuttil, Fredu Preca, Leli Zammit, John Zahra, Willie Bennetti, Ġużi Bennetti, Arthur Micallef Podestà, Victor Farrugia, Pawlu 'Ħamiemu' Galea, Leli 'Scotch' Cauchi, Harold Herbert.

**St.George's FC**: Wenzu Gabarretta, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Frans Purkiss, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Leli 'Il-Qali' Attard, Baldassare 'Baldaz' Calleja, Ġużi Lofaro, Salvu Cachia, George Flask, Salvu Romolo, Oscar Bartolo.

1. Willie Bennetti rritorna mat-team ta' pajjiżu Floriana FC mingħand Naxxar Lions. Floriana ħallsu Lm55 biex akkwistawh. Il-Furjaniżi akkwistaw ukoll liż-żagħżugħ promettenti Victor Farrugia mingħand Birkirkara Celtic.

2. Il-goalkeeper Wenzu Gabarretta telaq 'il barra wara s-sitt goal u postu bejn il-lasti ħadu l-player Salvu Caruana.

3. L-attakkant ta' St. George's FC, George Flask, kien ġie akkwistat fis-sajf mingħand Vittoriosa. Akkwist ieħor tas-Saints mingħand Vittoriosa Stars kien ta' Oscar Bartolo, li tiegħu St. George's FC ħallsu Lm10 u taw ukoll il-player Albert Izzo.

4. Baldassare Calleja ħa vantaġġ mill-offerta li għamel lill-players lokali s-segretarju ta' George Cross FC ta' l-Awstralja, John Mallia, u għażel li jsieħeb lit-team Awstraljan. Calleja kien baqa' fl-art Awstraljana u kien jiġi hawnhekk għal vaganzi.

 STORJA TAL-FOOTBALL MALTI

# Aħbarijiet

Fit-8 ta' Lulju 1947 Henry Miggiani magħruf bħala 'Kiku' miet fl-età ta' 39 sena wara marda twila. Miggiani kien player ta' Sliema Wanderers FC bejn l-1929 u l-1932. Huwa kien ntgħażel biex jilgħab mal-Wanderers wara li dawn kienu nnutaw il-wirjiet tajbin tiegħu fil-kampjonat tal-MAFA ma' Blue Stars FC u fil-kampjonat tal-Amateurs ma' Tigers FC. Wara dawk it-tliet snin mal-Wanderers huwa kien lagħab ukoll ma' Sliema Rangers u Wednesday FC.

Fid-19 ta' Awissu 1947, Sliema Athletic FC applikaw quddiem il-Kunsill tal-MFA sabiex jieħdu mill-ġdid l-isem glorjuż tagħhom ta' Sliema Wanderers Football Club. Mhux kulħadd fil-club Slimiż kien favur din it-talba. Ta' min jgħid però li meta l-MFA fl-istaġun ta' qabel kienet għaddiet regolament li club wieħed biss minn kull raħal seta' jieħu sehem fl-Ewwel Diviżjoni tal-MFA, Sliema Athletic FC kienu għoddhom tilfu posthom għaliex xi nies fil-Kunsill kienu ta' l-opinjoni li Melita FC kienu twieldu qabel Sliema Athletic FC (mhux Wanderers però li kienu twieldu fl-1909). Ir-regolamenti dak in-nhar kienu iġġebbdu bħal-lastiku meta Melita FC kienu ingħataw parir sabiex japplikaw fuq San Ġiljan biex Sliema Athletic setgħu jibqgħu jieħdu sehem.

Is-sospensjonijiet li kienu qed joħorġu mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA ma kienux qed iħallu r-riżultat mixtieq minħabba li xi players kien qed jirnexxielhom jiffrankaw is-sospensjoni. Każ tipiku kienu s-sospensjonijiet li kienu ingħataw lil Ġużi Buttigieg, 'San Ġużepp' ta' l-Ispartans, li kien ġie sospiż mid-19 sat-30 ta' Ottubru, 1947, filwaqt li l-player Pawlu Galea 'Ħamiemu' ta' Floriana FC kien ġie sospiż mit-18 sas-27 ta' Ottubru, 1947, wara li kienu ġew ammoniti fil-logħbiet tal-club tagħhom kontra Naxxar Lions u Valletta FC rispettivament. Minħabba li kemm Ħamrun kif ukoll Floriana ma kellhomx logħob bejn dawk il-ġranet, is-sospensjoni ma affetwat lil ħadd. Valletta FC iżda sabu sitwazzjoni differenti meta kellhom jgħaddu mingħajr il-player tagħhom 'Budgy' Dowling għall-konfront importanti ma' Floriana wara li l-player kien ġie ammonit kontra Sliema Wanderers. F'dawk iż-żminijiet il-players kienu jiġu sospiżi numru ta' ġranet minflok numru ta' logħbiet.

Naxxar Lions, għalkemm kienu sfaw relegati fl-istaġun ta' qabel xorta kien irnexxielhom iżommu posthom mal-kbar. Dan minħabba li ċ-champions tat-Tieni Diviżjoni, Sezzjoni A, kienu Floriana FC u ta' Sezzjoni B kienu Sliema Athletic, li t-tnejn kienu diġà rrappreżentati fl-ogħla diviżjoni bl-ewwel team tal-kbar. Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb li jiġu promossi Senglea United li kienu spiċċaw runners-up fit-Tieni Diviżjoni Sezzjoni B (ir-runners-up ta' Sezzjoni A kienu Hibernians li wkoll diġà kellhom it-team tal-kbar fl-Ewwel Diviżjoni) però wara diskussjonijiet twal kien ġie deċiż li wara kollox l-anqas Senglea United ma kellhom dritt għall-promozzjoni għaliex ma kienux champions. Naxxar Lions bdew jinsistu ma' l-MFA li huma kellhom iżommu posthom mal-kbar, iżda sadanittant anke Mosta, mit-Tielet Diviżjoni, ħassew li kellhom japplikaw għal dan il-post battâl minħabba li huma pajjiż kbir u kellhom ħafna partitarji.

Finalment kienu Naxxar Lions li żammew posthom, l-aktar minħabba r-regolament Nr. 2, Paragrafu 3, tal-MFA li kien jgħid li l-uniku tibdil fl-Ewwel Diviżjoni kellu jseħħ permezz ta' promozzjoni.

Peress li t-tieni team ta' Sliema u Floriana kienu spiċċaw l-ewwel kienu huma li suppost kellhom dritt jikkontestaw il-post għall-promozzjoni, iżda dan ma setax isir għaliex kif għedna diġà kellhom it-team tal-kbar.

Naxxar Lions finalment żammew posthom iżda kien minn hawn li bdiet tinbet l-idea għal kampjonat separat tar-Reserves minflok parteċipazzjoni diretta tar-Reserves tat-teamijiet il-kbar fit-Tieni Diviżjoni li kienet qed ittellef clubs oħra milli jiksbu l-promozzjoni.

11-10-1947:
**Hamrun S. ......6**
**Hibernians......1** **HT: 1-1**
Skorers: F. Landolina (HS) 4', T. Stone (H) 45', Ż. Sciberras (HS), W. Bezzina (HS) pen. 63', L. Agius (HS) 65', F. Landolina (HS) u F. Landolina (HS).

**Hamrun Sartans**: Ġużi Scifo, Oscar Gatt, Nenu Taliana, Walter Bezzina, Joe Zammit, Toni 'Rumba' Dimech, Leli 'Ta' ġiorġia' Agius, Ġużi 'San ġużepp' Buttigieg, Freddie Landolina, Romeo Vassallo, żużu 'Qomos' Sciberras.
**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Karmenu Farrugia, Pawlu Farrugia, Frans Theuma, Harry Ear, Joseph Cachia, Costantino Sammut, Harry Mills, Thomas Stone, Victor Whelpdale, Alfred Whelpdale.

1. L-Ispartans spiċċaw il-partita b'għaxar players meta Toni Dimech 'Ir-Rumba' kellu jħalli l-ground imweġġa'.
2. L-akkwist il-ġdid Karmenu Farrugia ta' Hibernians FC fl-istaġun li għadda kien jilgħab ma' Vittoriosa Stars fit-Tieni Diviżjoni. L-istess Farrugia kien lagħab ma' Naxxar Lions żewġ staġuni qabel. Hibernians ħallsu lil Vittoriosa Lm30 biex akkwistawh.
3. Hibernians akkwistaw ukoll lil Thomas Stone, l-attakkant ta' sitt piedi ta' Ryhle Athletic. Stone kien diġà ffirma bħala amateur ma' Floriana FC iżda r-reġistrazzjoni tiegħu rriżultat invalida.

12-10-1947:
**Valletta............1**
**Sliema W.........1** **HT: 0-1**
Ref: William (Billy) Mock.
Skorers: L. Borg (S) 37' u E. Dowling (V) 89'.

**Sliema Wdrs.**: Ġużi Mugliett, Sunny Borg Cardona, Alfred Mizzi, Charles Zahra, Eddie Cole, Nenu Catania, Kaptan Lewis (Ġiġi) Borg, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Lewis Vigar, Ġużi 'Labre' Camilleri.

**Valletta FC**: Charlie Camilleri, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Joe 'Jumbo' Azzopardi, Sam Rodgers, Emmanuel 'Budgy' Dowling, Nenu 'Rubinu' Zammit, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Ġużi Vassallo, J. Portelli, Salvinu Schembri, Pawlu Vassallo.

1. Ġiġi Borg li fl-istaġun ta' qabel kien iddeċieda li jirtira reġa' beda jilgħab ma' Sliema Wanderers. Ġiġi Borg, li huwa Kaptan fl-Armata, aktar tard fil-karriera tiegħu kellu aktar suċċess meta anke kien laħaq Kurunell. Qabel sieħeb lill-Wanderers huwa kien lagħab ma' Floriana Juventus, Gioventù Cattolica, Floriana FC u Melita FC. Huwa kien lagħab ukoll il-football mal-University of London fejn kien tela' biex ikompli bl-istudji tiegħu.
2. Sliema Wadererers ingaġġaw żewġ goalkeepers biex jimlew il-vojt li ħalla Harry Edwards. Iż-żewġ goalkeepers kienu ż-żagħżugħ Lolly Rizzo u Ġużi Mugliett mingħand Vittoriosa. Fl-istaġun ta' qabel Mugliett kien lagħab xi partiti fl-Ewwel Diviżjoni ma' St. George's FC.

 STORJA TAL-FOOTBALL MALTI


Goal ta' Valletta kontra Hibernians (1947)


Tony Nicholl ta' Sliema Wanderers bir-rebħ tal-Cassar Cup (1946)

3. Valletta FC kienu għadhom qed ifittxu l-attakkant ideali għal dan il-kampjonat. Għal din il-partita huma ppruvaw lil Portelli li ġimgħa qabel kien skorja tliet goals għat-tieni team ta' Valletta f'partita tat-Tieni Diviżjoni kontra Melita li spiċċat fi draw ta' 3-3. Portelli kien anke skorja għat-team tal-kbar f'partita ta' ħbiberija fost il-ġimgħa kontra H.M.S. Woolwich (1-1). Fl-istaġun ta' qabel Portelli kien player tat-Tielet Diviżjoni mat-tielet team ta' St. George's FC.

4. Iż-żagħżugħ promettenti, Lewis Vigar, sieħeb lil Sliema Wanderers FC mingħand Zejtun Corinthians. F'dan it-trasferiment għall-ewwel darba fl-istorja tal-football Malti għaddew il-flus meta Sliema ħallsu lil Zejtun Lm30 għas-servizzi ta' Vigar.

5. Għal dan l-istaġun Valletta FC akkwistaw lill-goalkeeper Joe Doggett, 'Budgy' Dowling u 'Jumbo' Azzopardi li fl-istaġun li għadda kollha kienu players ta' Melita FC. Il-goalkeeper Doggett madankollu kull ma lagħab fl-ewwel team ta' Valletta kienu żewġ partiti ta' ħbiberija ta' qabel il-kampjonat kontra H. M. S Ajax u H. M. S Wolfe u wara lagħab biss mat-tieni team tagħhom fit-Tieni Diviżjoni.

Klassifika: Floriana FC, ħamrun Sp. u Naxxar Lions 2 pti., Sliema Wdrs. FC u Valletta FC 1 pt., Melita FC, Hibernians FC u St.George's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: P. Galea u H. Herbert (Floriana FC) u F. Landolina (ħamrun Sp.) 3 goals.

## It-Tieni Ġurnata

18-10-1947:
**Valletta..........0**
**Floriana..........0**
Ref: Capt. J. P England (Royal Marines)

**Valletta FC**: Charles Camilleri, Alfie Pearson, Joe 'Jumbo' Azzopardi, Nenu 'Rubinu' Zammit, Sam Rodgers, Victor 'Il-Bikkej' Bonello, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Ġużi Vassallo, J. Portelli, Salvinu Schembri, Pawlu Vassallo.

**Floriana FC**: Frans Busuttil, Fredu Preca, Leli Zammit, Willie Bennetti, Ġużi Bennetti, John Zahra, Arthur Micallef-Podestà, Victor Farrugia, Pawlu 'Ħamiemu' Galea, Leli 'Scotch' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

1. L-aħwa Willie, Ġużi u Charlie Bennetti lagħbu għall-ewwel darba kollha fl-istess team ma' Floriana FC.

2. Salvinu Schembri falla penalty fil-41 minuta meta l-goalkeeper Busuttil salva t-tentattiv tiegħu.

3. Għal Valletta, Alfie Pearson ħa post l-imweġġa' 'Dudu' Mallia filwaqt li Victor Bonello daħal minflok 'Budgy' Dowling li kien sospiz.

4. Għalkemm il-veteran Effie Borg irranġa d-differenzi li kellu ma' Floriana FC, il-club xorta ma nkludihx fl-ewwel ħdax minħabba li ħass li ma kienx ittrenja biżżejjed.

19-10-1947:
**Hamrun S. ......2**
**Naxxar L.........0** **HT: 1-0**
Skorers: R. Vassallo (ħ) 22' u L. Agius (ħ) 64'.

**Hamrun S.**: Ġużi Scifo, Oscar Gatt, Nenu Taliana, Walter Bezzina, Joe Zammit, Toni 'Rumba' Dimech, Leli 'Ta' ġiorġia' Agius, Ġużi 'San ġużepp' Buttigieg, Freddie Landolina, Romeo Vassallo, żużu 'Qomos' Sciberras.

**Naxxar Lions**: Ġanni Catania, Ġenju Pace, Emmanuel Falzon, Joseph Zammit, Nikol Aquilina, Joe Pace, Ċensu Depares, Joe Cassar, Ninu Calleja, Leli 'Likku' Saliba, Harry 'Tiġieġu' Tanti.

1. Ċensu Depares ta' Naxxar Lions falla penalty fis-60 minuta meta xxuttja barra.

25-10-1947:
**Sliema W.........5**
**St. George's.....1** **HT: 3-0**
Skorers: M. Decesare (S) 3, G. Sacco (S) 23', Ġ. Camilleri (S) 45', S. Romolo (St. Geo) pen. 51', L. Vigar (S) 75' u T. Nicholl (S) 89'.

**Sliema Wdrs**: Ġużi Mugliett, Sunny Borg Cardona, Alfred Mizzi, Charles Zahra, Nenu Catania, Kaptan Lewis 'Ġiġi' Borg, Lewis Vigar, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Ġużi 'Labre' Camilleri, Dr. Maurice Decesare.

**St.George's FC**: Wenzu Gabarretta, L. Grech, Leli 'Balel' Busuttil, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Leli 'Qali' Attard, Frans Purkiss, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Ġużi Lofaro, Salvu Romolo, Lennie Connor.

1. It-Tabib Maurice Decesare laħaq ftehim u ffirma fil-ħin ma' Sliema

Wanderers sabiex irnexxielu jilgħab f'din il-partita kontra St. George's FC. Huwa rritorna bil-kbir meta wara tliet minuti kien diġà fetaħ l-iskor ghas-Slimizi.

26-10-1947:
**Hibernians......2**
**Melita FC........1** **HT: 0-1**
Skorers: R. Tabone (M) 45', T. Stone (H) 68' u A. Whelpdale (H) 71'.

**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Karmenu Farrugia, Frans Theuma, Pawlu Farrugia, Harry Ear, Joseph Cachia, Joe Xuereb, Paċikk Micallef, Thomas Stone, Victor Whelpdale, Alfred Whelpdale.

**Melita FC**: Victor Scerri, Donald Mercieca, Frankie Tabone, Victor Bencini, Peppi Paris, George Bencini, Lewis Spiteri, Michael Demaria, Ralph Tabone, Joey Agius, Maurice Waines.

1. Frankie Tabone l-ex difensur ta' Floriana FC u team manager ta' Floriana Ajax sieħeb lil Melita FC. Iż-żagħżagħ ta' Floriana Ajax għalhekk issa għaddew f'idejn ġodda meta Tony Debattista, ex-player ta' Floriana FC fil-kampjonati ta' qabel il-gwerra ħa t-tmexxija tat-team. Debattista kellu ħuh iżgħar li kien f'dan it-team ta' l-Ajax – il-famuż Lolly Debattista.

Klassifika: Hamrun S. 4 pti., Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 3 pti., Valletta FC, Hibernians FC u Naxxar Lions 2 pti., Melita FC u St. George's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: P. Galea u H. Herbert (Floriana FC) u F. Landolina (Hamrun S.) 3 goals

## It-Tielet Ġurnata

01-11-1947:
**St. George's.....5**
**Naxxar Lions . 2** **HT: 1-2**
Skorers: H. Tanti (N) 7', R. Azzopardi (St. Geo) 40', N. Calleja (N) 41', R. Azzopardi (St. Geo) 51', N. Bonavia (St. Geo) 53', S. Romolo (St. Geo) 61' u R. Azzopardi (St. Geo).

**St.George's FC**: Wenzu Gabarretta, John Darmanin, L. Grech, Joe Abdilla, Leli 'Qali' Attard, Frans Purkiss, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Renu Azzopardi, Salvu Romolo, Anġlu 'Il-Wila' Cremona.

**Naxxar Lions**: Ġanni Catania, Emmanuel Falzon, Patist Attard, Ċensu Depares, Nikol Aquilina, Joe Pace, Vince Leone-Enriquez, Joe Cassar, Ninu Calleja, Leli 'Likku' Saliba, Harry 'Tiġieġu' Tanti.

1. Joe Abdilla ta' St. George's FC kien ġie akkwistat mingħand Rabat FC fis-sajf.

2. Kick-off mhux tas-soltu għal din il-partita meta ntlagħbet fl-10.30 a.m sabiex ma taħbatx mal-funzjonijiet reliġjużi ta' Kristu Re li kellhom isiru wara nofs in-nhar.

3. Naxxar Lions ipprotestaw kontra r-riżultat tal-partita minħabba li huma sostnew li St. George's għamlu użu minn erba' players mit-team tagħhom tat-Tieni Diviżjoni minflok tlieta kif kienu jgħidu r-regolamenti tal-MFA. Naxxar tilfu l-protest minħabba li kien sar magħruf li St. George's FC kienu rreġistraw wieħed minn dawn il-players mat-team tal-kbar.

02-11-1947:
**Floriana...........6**
**Melita..............0** **HT: 3-0**
Skorers: P. Galea (F) 9', C. Bennetti (F) 34', 43' u pen. 65', P. Galea (F) 85' u A. Micallef Podestà (F) 88'

**Floriana FC**: Frankie Busuttil, Fredu Preca, Leli Zammit, Willie Bennetti, John Zahra, Ġużi Bennetti, Arthur Micallef Podesta', Victor Farrugia, Pawlu 'Ħamiemu' Galea, Leli 'Scotch' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

**Melita FC**: Victor Scerri, Donald Mercieca, Frankie Tabone, Victor Bencini, Peppi Paris, G. Mallia, Lino Paris, Joey Agius, Ralph Tabone, George Bencini, Mamo.

08-11-1947:
**Sliema W.........5**
**Hamrun S. ......2** **HT: 3-2**
Ref: Capt. J. P England.
Skorers: F. Landolina (HS) 50 sekonda, M. Decesare (S) 4', T. Nicholl (S) 5', M. Decesare (S) 15', W. Bezzina (HS) pen., M. Decesare (S) u Ġ. Camilleri (S) 74'.

**Sliema Wdrs FC**: Ġużi Mugliett, Lieut. Sunny Borg Cardona, Alfred Mizzi, Nenu Catania, Eddie Cole, Kaptan Lewis (Ġiġi) Borg, Lewis Vigar, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Ġużi 'Labre' Camilleri, Dr. Maurice Decesare.

**Hamrun S.**: Ġużi Scifo, Oscar Gatt, Grima, Walter Bezzina, Joe Zammit, Nenu Taliana, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Freddie Landolina, Romeo Vassallo, Żużu 'Qomos' Sciberras.

09-11-1947:
**Valletta............3**
**Hibernians......0** **HT: 1-0**
Ref: William (Billy) Mock.
Skorers: S. Schembri (V) 10', Ġ. Vassallo (V) 57' u J. Portelli (V) 89'.

**Valletta FC**: Charles Camilleri, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Joe 'Jumbo' Azzopardi, Sam Rodgers, Emmanuel 'Budgy' Dowling, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Toni Falzon, Ġużi Vassallo, J. Portelli, Salvinu Schembri, Pawlu Vassallo.

**Hibernians FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Karmenu Farrugia, Danny Edwards, Harry Ear, Frans Theuma, Joseph Cachia, Joe Xuereb, Paċikk Micallef, Sacco, Lorry Seychell, Alfred Whelpdale.

1. Ma' Valletta FC iddebutta Toni Falzon li fost il-ġimgħa kien seħibhom mingħand Hibernians FC għal Lm65.

Klassifika: Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 5 pti., ħamrun Sp. u Valletta FC 4 pti., Naxxar Lions, St.George's FC u Hibernians FC 2 pti., Melita FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: P. Galea (Floriana FC) 5 goalsġ F. Landolina (ħamrun Sp.) u M. Decesare (Sliema Wdrs) 4 goals.


It-team ta' Valletta (1947)

# Sliema Wanderers F.C. - 2007/8 - Premier

www.sportiv.com
SPORTIV




Wara – Brian Said, Jeffrey Chetcuti, Sharlon Pace, Branko Nisevic, Ian Ciantar, Ian Azzopardi, Chuks Nwoko, Aleksander Madzar
Fin-nofs – Joseph Micallef (Kit Manager), Milos Stanisvljevic (Physiotherapist), Orosco Anonam, Etienne Barbara, Murphy Akanji, Henry Bonello, Alex Muscat, Luke Attard, Steve Abela (Team Manager), Michael Spiteri (Ass. Coach)
Quddiem – Ivan Woods, Roderick Bajada, Noel Turner, Stephen Azzopardi (Coach), Robert Arrigo (President), Roderick Briffa, Nesko Milovanovic, Matthew Bartolo.


Murphy Akanji
L-għan prinċipali tiegħi kien li nasal ma' l-ewwel tmienja. Kien tournament diffiċli ħafna u kont nemmen li nista' nasal. Meta f'mument kont fl-ewwel post kont aktar konvinta li nagħmilha. Sfortunatament ma ġarax hekk u spiċċajt fit-13–il post.

***Nitkellmu dwar il-World Cup tat-timijiet. Għalfejn Malta ma kinetx irrapreżentata fil-Messiku?***

Hija ħasra li m'għandniex bowlers biżżejjed biex nagħmlu team. Ma nistgħux nipparteċipaw b' dawn il-kundizzjonijiet u għalxejn immoru l-Messiku biex ma nkunux attrezzati bl-aħjar mod.

***Kif tħares lejn il-futur tal-logħba - qabel minn Bowling Alley limitat ħarġu ħafna atleti ta' klassi. Illum il-parteċipazzjoni għalkemm b'Bowling Alley aktar attrezzat hija waħda limitata. Għaliex dan?***

Illum biex tkun bowler trid tkun kapaċi ssostni lilek innifsek finanzjarjament, qabel kienet ftit differenti. Biex tikber u tavvanza trid issiefer u tilgħab kontra players ta' kalibru, it-tournaments barra jiswew ħafna flus. Jekk tibqa' Malta ftit jew xejn tista' tkun atleta ta' livell mondjali.

F'pajjiżna hawn 400 membru fi ħdan l-Assoċjazzjoni iżda mhux kullħadd jipprattika.

***Nitkellmu dwar il-Kumitat Olimpiku Malti u l-Assocjazzjoni tat-Tenpin Bowling. Kemm sibt u kemm għadek issib għajnuna teknika u finanzjarja biex tibqa' isostni t-talent tiegħek?***

Finanzjarjament jgħinu, għajnuna

# issiefer u tilgħab kontra

Intervista minn Björn Vassallo



Sue Abela waqt it-throw



Sue Abela fl-aħħar edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja ġewwa San ietruburgu fir-Russja

li tiġi użata biex tkopri ftit mill-ispejjeż tal-coaches. L-akbar problema hija li diffiċli ssib coaches li jiġu hawn u flimkien magħhom tfassal program fit-tul. Il-coaches illum jiswew ħafna flus u Malta ma nifilħux niffinanzjawhom.

***Fir-rigward tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, għaliex taħseb li l-Bowling mhux waħda mid-dixxiplini tal-Logħob?***

Fil-passat konna tkellimna biex nippruvaw nikkonfermaw il-Bowling bħala dixxiplina uffiċjali tal-Logħob iżda diversi pajjiżi ma jaqblux ma' dan u għaldaqstant qatt ma rnexxielna. Bil-Bowling bħala dixxiplina fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, Malta garantita li tirbaħ il-midalji.

***Għamilt unur kbir lil pajjiżna b'suċċessi kontra l-krema mondjali. Taħseb li l-pajjiż rrikkonoxxa lura dak li int u ħafna atleti oħra għamiltu?***

Jiena bħala atleta kont nagħmel dak possibli għalija u għal pajjiżi. Jekk inħares lejn dak li jirċievu atleti oħra minn pajjiżi oħra ngħidlek li f'Malta noħolmu biss li nkunu rrispettati l-istess.

***Kemm hu diffiċli fil-kamp tal-Bowling biex ssib coach li kapaċi jgħallem, iħarreġ u jwassal atleta f'livelli għoljin?***

Coaches tajbin hawn iżda l-aħjar fosthom qegħdin jagħżlu li jmorru jħarrġu atleti Asjatiċi. Fl-Asja il-kuntratti li joffrulhom huma fenomenali u fl-Ewropa l-coaches qegħdin jonqsu ħafna.

***Il-Bowling f'Malta għandu fejn jista' jikber aktar fil-parteċipazzjoni u kif ukoll fil-livell?***

Nispera li l-parteċipazzjoni tikber. L-atleti jridu juru aktar dedikazzjoni lejn il-Bowling u jekk iridu jħarsu lejn tragwardi kbar iridu jkunu lesti jinvestu fihom infushom u fit-talent tagħhom. Atleti ta' livell iridu jikkonfrontaw ma' atleti oħra ta' livell. Fil-fatt bħalissa għandi offerta biex immur nilgħab fit-Top League tal-Ġermanja. Hemm mill-ewwel tinduna bid-differenza - ipoġġuk f'sitwazzjoni biex tirnexxi. Problema oħra f'pajjiżna hija li l-Bowling Alley mhux ta' l-Assocjazzjoni u għaldaqstant titmexxa minn terzi persuni u mhux mill-Kumitat ta' l-Assocjazzjoni.

***Malta kkunsidrata bħala l-aktar pajjiż fil-Mediterran li jipproduċi Bowlers tajbin. X'inhu s-sigriet wara dan kollu?***

Malta minn dejjem offriet players tajba u minn dejjem kellna spirtu kollettiv u atleti tajbin li dejjem kienu konvinti li setgħu jaslu. Fir-reġjun tal-Mediterran, Malta hija meqjusa r-Reġina ta' dan l-isport.

***Qabel tirtira mil-logħba fadal xi għanijiet f'moħħok u x'inhuma l-proġetti tal-futur għal Sue Abela?***

Fil-futur nixtieq nerġa' nipparteċipa fit-Tazza tad-Dinja. Nemmen li qabel nirtira nista' nilħaq l-għanijiet tiegħi f'din il-kompetizzjoni. Minnbarra t-Tazza tad-Dinja nixtieq nipparteċipa f'ranking tournaments oħra. Il-European Open huwa wkoll ambizzjoni oħra għall-futur, wara li kont irbaħt il-European Champions Cup fil-passat. Nemmen li nista' nirbaħ ukoll il-European Championship u b'hekk insir Champion ta' l-Ewropa.

## Sue Abela

**Twelid:** Melbourne – Australia
**Debutt:** 1987
**Karriera:** Team Fina
**Unuri:** Midalja tal-Deheb fil-European Cup, midalja tal-Bronż fil-European Championships, midalja tal-Fidda u 2 midalji tal-Bronż fil-Commonwealth Championships, 3 midalji tad-Deheb fl-Open Tournaments, 16 –il midalja tad-Deheb, 7 tal-Fidda u 5 tal-Bronż fil-Mediterranean Challenge Cup, 13 –il darba Champion ta' Malta, 15 –il darba rebħet il-Kampjonat Nazzjonali, Sportiva tas-Sena fl-1991 u 1997 u Midalja għall-Qadi tar-Repubblika.
**Ippartecipat:** Mediterranean Challenge Cup, Commonwealth Championships, European Champions Cup, European Championships, World Championships, World Cup, Malta Open



Michael Naudi (IS Compleet SW) jipprova jgħaddi bejn players ta' Bupa Luxol



Dwell bejn Kristian Baldacchino (IS Compleet SW) u Marco Matijevic (Bupa) fil-finali tas-Super Cup

# Bupa Luxol jirbħu s-Super Cup

**Super Cup Final**

**13.12.2007**

**Bupa Luxol............................ 85**

**Compleet IS SW ..................... 70**

**(15-8, 19-17, 27-11, 24-24)**

**Luxol** – Marco Mercieca 2, Robert Azzopardi 25, Mark Micallef, Alan Borg 5, Alex Bianchi, Matthew Bonnici, Thomas Paris, Dirk Schembri 21, Edgar Caruana Montaldo, Marco Matijevic 18, Steve Schembri 14- *Coach* - John Tabone

**Compleet IS** – Michael Naudi 31, Jonathan Zammit, Clayton Calleja, Etienne Bezzina 6, Julian Galea, Tino Riolo 1, Omar Said 13, Adrian Micallef 6, Ivan Buldakov, Kirstin Baldacchino 6, Silvio Cassar 7, Roderick Mifsud - *Coach* - Joe Galea

**Referees** – Emmanuel Mangani, Jean Paul Sammut, Alfred Carbonaro

Bupa Luxol kisbu t-tieni unur ta' l-istaġun meta rebħu s-Super Cup biex issa fl-istorja għandhom sitt successi f'din il-kompetizzjoni - 1990, 1991, 1992, 1997 u 2003.

Bupa fetħu vantaġġ ta' seba' punti fi tmiem l-ewwel perijodu u baqgħu b'dan il-vantaġġ sa nofs it-tieni perijodu, 27-20. Hanwhekk Sliema għaddew minn mument tajjeb u qalbu l-iskor favurihom għal 35-34 fi tmiem l-ewwel taqsima wara 3-pointer minn distanza kbira ta' Michael Naudi.

Robert Azzopardi (li kiseb seba' 3-pointers fil-konfront) reġa' fetaħ vantaġġ għal Bupa u sa tmiem it-tielet perjodu dawn marru 61-46 minn fuq bi Sliema jitilfu lil Silvio Cassar bil-fouls.

Bupa baqgħu fil-vantaġġ biex imbagħad, meta Sliema tkeċċilhom lil Naudi, huma amministraw sa l-aħħar mumenti.

**MBA Shield – Kampjonat Gatorade**

**16.12.2007**

**Bupa Luxol............................ 65**

**Compleet IS SW ..................... 55**

**(13-13, 12-14, 17-9, 23-19)**

**Luxol** – Marco Mercieca 4, Robert Azzopardi 19, Mark Micallef, Alan Borg, Alex Bianchi, Matthew Bonnici, Thomas Paris, Dirk Schembri 20, Edgar Caruana Montaldo, Marco Matijevic 9, Steve Schembri 13

– *Caoch* - John Tabone

**Compleet IS** – Jonathan Zammit, Clayton Calleja, Etienne Bezzina 4, Julian Galea 2, Tino Riolo 4, Omar Said 17, Adrian Micallef 10, Ivan Buldakov, Kristin Baldacchino 8, Silvio Cassar 10, Roderick Mifsud

– Coach - Joe Galea

**Referees** – Bernard Vassallo, Gordon Barbara, Stephen Micallef

Bupa kisbu t-tieni rebħa fuq Sliema fi spazju ta' erba' ġranet meta din id-darba ħarġu rebbieħa fil-kampjonat biex saħħew posthom fil-quċċata tal-klassifika fejn issa għandhom vantaġġ ta' żewġ rebħiet fuq grupp ta' erba' teamijiet.

Iż-żewġ naħat żammew kuntat mill-viċin għall-kważi tliet kwarti tal-logħba għal skor ta' 38-34 favur Bupa.

Hanwhekk l-istess Bupa, b'Robert Azzopardi u Dirk Schembri l-aktar preċiżi, wettqu run kumplessiv ta' 13-4 biex marru 51-38 minn fuq. Compleet (li kellhom lil Michael Naudi sospiż) ippruvaw jifthu l-logħba għal darba oħra bi 3-pointers imma freethrows aħħarija għenu lil Bupa jaċċertaw ruħhom mir-rebħa.

**MBA Shield Final – II Diviżjoni**

**15.12.2007**

**St. James Hospital ................. 46**

**Qormi Kia Motors.................. 45**

**(15-15, 9-10, 12-6, 10-14)**

**St. James** – Shawn Pace, Kyle Tedesco, Joe Vella 12, Keith Galea, Gianluca Cuschieri, Nigel Sultana 10, Stefan Vella 4, Michel Farrugia, Steve Pace 7, Clint Grixti 5, Jonathan Ransley 4, Graham Coleiro 4 - *Coach* - Paul Sultana

**Qormi** – Daniel Bugeja, Antoine Grceh 2, Glenn Borg, Joshua Anastasi 2, Andrew Camilleri, Vince Spiteri 12, Roberto Formosa 4, Anton Axiaq 8, Matthew Muscat, Carlos Bugeja, Simon Cauchi 3, Adrian Baldacchino 14 - *Coach* - Alfred Mifsud

**Referees** – Emmanuel Mangani, Anthony Micallef

St James Hospital Loyola kisbu l-ewwel unur tagħhom fis-settur tal-kbar meta għelbu lil Qormi b'vantaġġ minimu, f'logħba mimlija turnovers b'punteġġ pjuttost baxx.

Run ta' 12-2 fil-ftuħ tat tieni taqsima poġġiet lis-Saints 36-27 minn fuq u sa l-aħħar battuti huma rnexxielhom iżommu lill-Qriema ftit 'il bogħod. Madankollu Qomri kisbu d-draw fl-aħħar sekondi u r-rebħa setgħet marret kull naħa bil-Qriema jkollhom ukoll l-aħħar pussess.

Fi tmiem il-logħba, St. James ġew ippreżentati bl-MBA Shield mill-viċi-president ta' l-MBA, is-Sur Ottavio Terribile.

**MBA Shield – Kampjonat Gatorade**

**14.12.2007**

**Mellieha Bullets SVS.....61**

**Depiro..........................58**

**(20-17, 17-17, 7-10, 17-14)**

**Mellieha** – Michael Pisani, Julian Naudi 21, Jide Jetson 8, Samuel Aquilina, Eman Xuereb, John Muscat, Joshua Aquilina, Steve Sammut 10, Chris Sammut 20, Trevor Degiorgio 2, Robert Loporto - *Coach* - Hilary Fenech

**Depiro** – Roderick Vella 25, David Debono 3, Malcolm Sammut, Gavin Muscat, Andrew Aquilina 6, Alex Tabone 5, Malcolm Mallia 2, Clint Cassar, Emmanuele Lupo 6, Antoine Costa 11, Isaac tanti, David Agius. Coach: Dalibor Mijatovic

**Referees** – Emmanuel Mangani, Jean Paul Sammut, Stephen Micallef

**MBA Shield – Kampjonat Gatorade**

**15.12.2007**

**Siggiewi Smina.............72**

**Floriana.........................39**

**(17-2, 19-13, 21-6, 15-18)**

**Siggiewi** – Billy Zammit 7, Louis Camilleri 15, David Camilleri 18, John Doughty 8, Abraham Portelli 7, Jean Paul Bonnici 2, Addison Bonnici 15, Jean Paul Antoncic, Luke Camilleri - *Coach* - Alex Farrugia

**Floriana** - Keith Mifsud 2, Noel Falzon 6, Joseph Tanti 11, Bernardo Riolo 1, Milan Pjic, Gareth Gilson, Sassoun Saakian 6, Karl Borg 13 - *Coach* - Paul Ferrante

**Referees** – Bernard Vassallo, Alfred Carbonaro, Clive Terribile

# Depiro jirbħu s-Super Cup

**Nisa - Super Cup Final**

**16.12.2007**

**Depiro.....................................40**

**Hibs Medsea...........................38**

**(13-10, 6-7, 9-7, 12-14)**

**Depiro** – Renette Debono, Charlotte iolo, Sarah Pace 9, Joselle Cardona 3, Kelly Busuttil, Rachel Camilleri 4, Greta Zarb 8, Justien Busuttil Gaerty, Abigail Sciberras 11, Edwina Vella, Rhian Spiteri 5

– Coach - Charles Bonnici

**Hibs** - Caroline Fenech 9, Kirsty Tonna, Francesca Bianco, Francesca Tabone, Maria Desira 1, Doreen Parnis 6, Alexis Darmanin 8, Nadia Mifsud, Kirsten Micallef 14, Marylou Cutajar. Coach: Mario Tabone

**Referees** – Emmanuel Mangani, Jean Paul Sammut

Depiro rnexxielhom jirbħu s-Super Cup għar-raba' darba fl-istorja tagħhom (suċċessi qabel fl-2002, 2003 u 2004) wara final missielta u eċċitanti għall-partitarji iżda ta' skor verament baxx.

Hibs naqsu milli jkomplu bil-mixja tagħhom bl-unuri fl-aħħar staġun u nofs u l-kumplamnet ta' l-istaġun femminili jista' issa jinbidel f'wieħed aktar interesanti hekk kif dawn iż-żewġ naħat, flimkien ma' Luxol, mistennija jissieltu bi sħiħ għall-kampjonat.

Depiro dehru li għalqu l-logħba meta marru 35-25 minn fuq kmieni fl-aħħar perjodu iżda Hibs wieġbu bi grinta u saħansitra feġġew 38-37 minn fuq meta Kirtsne Micallef kisebt 3-pointer nofs minuta mill-ħin.

Ġara iżda li Depiro, fil-pussess sussegwenti, kisbu basket mill-viċin ta' Abigail Sciberras segwit b'foul u l-istess Sciberras ppottjat il-freethrow assoċjat mall-foul għal 40-38.

Hibs naqsu milli jikkonvertu l-aħħar pussess tal-logħba għal rebħa ta' Depiro li mbagħad ġew ippreżentati bit-tazza mill-viċi president tal-MBA, is-sur Ottavio Terribile.



Caroline Fenech (Hibs Medsea) waqt attakk kontra Depiro

**MBA Shield – Kampjonat Nisa**

**13.12.2007**

**Hibs Medsea.......................... 42**

**Depiro.................................... 38**

**(12-14, 12-9, 6-7, 12-8)**

**Depiro** – Caroline Fenech 14, Kirsty Tonna, Francesca Bianco 3, Francesca Tabone 6, Maria Desira, Doreen Parnis 4, Alexis Darmanin 5, Nadia Mifsud 4, Kirsten Micallef 4, Marylou Cutajar 2 - *Coach* - Mario Tabone

**Hibs** - Renette Debono, Charlotte Riolo, Sarah Pace 11, Joselle Cardona 8, Kelly Busuttil, Rachel Camilleri 13, Greta Zarb 3, Justine Busuttil Gaerty, Abigail Sciberras 3, Edwina Vella, Rhian Spiteri - *Coach* - Charles Bonnici

**Referees** – Stephen Micallef, Clive Terribile

**MBA Shield – Kampjonat Nisa**

**13.12.2007**

**Luxol...................................... 66**

**Kerygma ................................ 40**

**(17-8, 14-15, 17-6, 18-11)**

**Luxol** – Emma Moore 6, Amanda Sciortino 8, Nicoal Said, Francesca Psaila Savona 8, Rith Spiteri, Justine Mangion 6, Diane Muscat 4, Lara Chetcuti 8, Julienne Attard 8, Beverlee zammit 18 - *Coach* - Ruth Spiteri

**Kerygma** - Nadia Cassar 12, Cynthia Saliba 11, Lara Cuachi 5, Christine Spiteri 2, Elaine Cutajar 10, Moira Caruana, Melanie Borg, Rachel Briffa, Christine Scicluna - *Coach* - Jeffrey Scorey

**Referees** – Alfred Carbonaro, Jennifer Mangani

**MBA Shield – Kampjonat Nisa**

**13.12.2007**

**St. James Hospital.................. 40**

**SN Suns.................................. 28**

**(12-5, 15-4, 6-5, 7-14)**

**St. James** – Martha Abela 4, Adalia Bonanno 7, Jean Doughty 9, Melanie Muscat, Denise Hollier 6, Beverie Sultana, Francesca Borg, Diane Cassar 3, Ann Camilleri 3, Anabel Busuttil 8, Sammy Jo Barbara, Kathleen Gouder - *Coach* - Sandro Farrugia

**SN Suns** - Diane Falzon 12, Abigail Camilleri, Nicolette Buhagiar, Cettine Caruana, Petra Zammit 2, Maria Agius, Ruth Farrugia 5, Lilian Cremona 4, Francesca Borg, Doris Bonello, Svetlana Micallef 5, Audrey Micallef. Coach: Robert Camilleri

**Referees** – Jean Paul Sammut, Stephen Micallef

# Il-logħob ta' matul


Jeremy Gambin jispjega waqt Time Out


Emmanuel Cutajar (Mellieħa) waqt free throw


Players tat-team Lway ta' St.James

**Young Men - 12.12.2007**

**Siggiewi Smina ...................... 48**

**Depiro ................................... 45**

**(12-12, 13-10, 11-9, 12-14)**

**Siggiewi** – Billy Zammit 27, Jean Paul Antoncich 6, Omar Shamalla 2, Daniel Zahra, Adrian Brydon, Etienne Bonello, Jean Paul Bonnici 7, Luke Camilleri, Lee Grech, William Galea 6

– Coach - Joe Zammit

**Depiro** – Andrew Aquilina 6, David Bugeja 4, Gavin Muscat 2, Clint Cassar 7, David Debono15, Jean Paul Schembri, Isaac Tanti 11, Nicky Gatt, Ciskje Zarb

– Coach - Dalibor Mijatovic

**Referees** – Jean Paul Sammut, Alfred Carbonaro

**Young Men - 12.12.2007**

**Compleet IS SW ..................... 79**

**Naxxar Starlites ..................... 38**

**(20-2, 18-10, 11-9, 30-17)**

**Compleet** – Andrew Southward 10, Yanick Schembri 6, Daniel Xuereb 6, Chris Camilleri, Jonas Schembri 4, John Chircop, Clayton Calleja 17, Chris Galea, Jonathan Zammit 23, Ivan Buldakov 13, Malcolm Tong

– *Coach* - Kirstin Baldacchino

**Naxxar** – Saviour Bonnici 21, Francois Bartolo 6, Andre Micallef, Andre Cutajar 6, Adrian Borg, Jean Gregory 2, Peter Bartolo 3

– *Coach* - Martin Musumeci

**Referees** –Emmanuel Mangani, Stephen Micallef

**Junior Men - 12.12.2007**

**Luxol.................................... 84**

**Depiro ................................... 59**

**(20-16, 17-13, 32-10, 15-20)**

**Luxol** – Andrew Tabone Ferro 2, Benjamin Borg, Karl Chetcuti 2, Edward Bonello, Matthew Caruana, Niki Vasovic 36, Thomas Paris 23, Andrew Micallef Trigona 21, Matthew Drake

– *Coach* - Reuben Dalli

**Depiro**– Ryan Galea 10, Bjorn Borg, Nicky Gatt 1, David Debono 13, David Bugeja 32, Ciskje Zarb 2, Leonard Begell, Jean Paul Schembri

– *Coach* - Reuben Baldacchino

**Referees** –Alfred Carbonaro, Luke Camilleri

**Junior Men - 12.12.2007**

**St. James Hospital.................. 52**

**Siggiewi Smina ...................... 41**

**(7-7, 19-9, 18-11, 26-14)**

**St. James** –Luca Gatt, Mark Grech, Darryl Pisani, Francesco Nicastro, Gianluca Cuschieri 15, Nigel Sultana 23, Luke Azzopardi, Sean Borg 4, Benjamin Wirth, Keith Mifsud, Vladimir Nikolic 4, James Farrugia 6

– *Coach* - Norbert Borg

**Siggiewi** – Adrian Brydon 10, Daniel Zahra 15, Peter Baldacchino 2, Omar Shamala 4, Lee Grech 10

– *Coach* - John Doughty

**Referees** – Jennifer Mangani, Emmnauel Mangani

**Junior Men - 12.12.2007**

**Pembroke A. ........................... 76**

**Eurobasket Air Malta ............. 43**

**(24-9, 16-8, 11-11, 25-15)**

**Pembroke** – Andre Azzopardi 3, Jonas Schembri, Motasim Al Mahmoudi 5, Zack Borg 7, Michael Giusti 4, Daniel Xuereb 14, Clint Graham 11, Malcolm Tong 16, Chris Galea 12, Chris Camilleri, Jason Sant 2

– *Coach* - Kirstin Baldacchino

**Eurobasket** – Florin Agius 2, Kevin Attard 5, Stephen Borg, Alistair Duncan 2, Donovan Deguara, Mark Mizzi 3, Andrea Bruno 14, Joshua Azzopardi, Mark Cilia 15, Yannick Cremona, Mark Montaldo 2

– *Coach* - Lawrence Deguara

**Referees** – Emmanuel Mangani, Luke Camilleri

**Junior Men - 16.12.2007**

**Qormi Kia Motors.................. 80**

**Siggiewi Smina ...................... 43**

**(22-9, 16-17, 24-10, 18-7)**

**Qormi** – Daniel Borg, Eman Vella 2, Warren Farrugia, Clayton Farrugia 14, Jonathan Camilleri 10, Adam Cutajar 8, Matthew Muscat 12, Anton Axiaq 22, Gianluca Sciberras, Ayrton Debattista 2, Luke Cortis, Gilmore Mercieca 10

– *Coach* – Daniel Bugeja

**Siggiewi** – Omar Shamala 16, Lee Grech, Martin Cutajar, Michael Saliba, George Fenech 2, Brian Fenech, Ryan Zahra, Vince Mercieca, Gilmore Mercieca, Joshua Griscti, Jean Paul Antoncic 22, Nicholas Buttigieg 2

– *Coach* – John Doughty

**Referees** – Alfred Carbonar, Clive Terribile

# il-ġimgħa

**Cadets - 15.12.2007**

**St. James Hospital.................. 52**

**Pembroke................................ 35**

**(13-12, 6-6, 14-8, 19-9)**

**St. James Hospital** – Keith Mifsud 6, Jonathan Cassar, Matthew Fenech, Clyde Vassallo 2, Zack Spiteri 2, Jean Paul Borg 13, Claude Borg 16, Richard Scerri 9, Matthew Borg, Keith Xuereb, Matthew Farrugia, Francesco Nicastro 4

– *Coach* - Norbert Borg

**Pembroke**– Thomas Mifsud Bonnici 6, Jake Vella 6, Michael Zammit, Michael Giusti 8, Zak Borg 4, Nathaniel Grech 4, Jaramir Sant 2, Steve Portera 2, Andre Azzopardi 3

– Coach - Kirstin Baldacchino

**Referees** – Gordon Barbara, Luke Camilleri

**Cadets - 15.12.2007**

**Naxxar Starlites. ..................... 58**

**Mellieha Bluefins.................... 13**

**(7-3, 14-5, 28-1, 9-4)**

**Naxxar S.** –Robert Bonnici 4, Christian Doublet, Luke Galea, Karl Borg 6, Anthony Schembri, Kyle Gauci 7, Alexander Cutajar 23, Aaron Cutajar 2, Christian Zampa 6, Luca Borg Pardo, Daniel Bonaci 6, Jean Farrugia, Michael Zerafa 4

– *Coach* - Abraham Portelli

**Mellieha** – Luke Micallef, Eman Cutajar, Joshua Borg, Steve Micallef 8, Kurt Micallef, Thomas Borg, Neil Muscat, Jeremy Micallef, Luke Cauchi 2, Shawn Vella, Matthew Tedesco 1, Isaac Aquilina 2

– *Coach* - Hilary Fenech

**Referees** – Gordon Barbara, Luke Camilleri

**Cadets - 15.12.2007**

**Eurobasket Air Malta. ............ 32**

**Floriana.................................. 18**

**(7-3, 14-5, 28-1, 9-4)**

**Eurobasket** – Florin Agius 5, David Deguara 3, Kevin Attard 9, Benji Magro, Nicola Andrejevic, Miguel Gauci Montaldo 7, Donovan Deguara 6, Robert Gosney, Troy Zammit, Sean Meachen, Luke Galea, Jonathan Micallef 2

– *Coach* - Lawrence Deguara

**Floriana** – Mark Rizzo Naudi 2, Giulio Sammut 4, Christain Cluett 8, Dylan Bultiel, Glenn Zammit, Philip Seifert, Thomas Saliba, Luke Debattista 4

– *Coach* - Paul Ferrante

**Referees** – Emmanuel Mangani, Luke Camilleri

**Cadets - 15.12.2007**

**Qormi BC ............................... 78**

**Depiro..................................... 11**

**(20-0, 16-1, 20-4, 22-6)**

**Qormi BC** – Daniel Borg 2, Warren Farrgia 4, Clive Zammit 2, Clayton Farrugia 16, Jonathan Camilleri 16, Jean Claude Schembri, Gianluca Sciberras 2, Keith Bonello, Luke Cortis 10, Geroge Mercieca 26

– *Coach* - Carlos Bugeja

**Depiro** – Bjorn Borg .....6, Daniel Attard, Benjamin Fenech Salerno, Julian Gatt 1, Kenneth Xuereb 1, Josef Attard 1, Leonard Beggel, Jonathan Vassallo, Melchior Formosa 2, Darren Schembri, Alex Psaila

– *Coach* - Reuben Baldacchino

**Referees** – Stephen Micallef, Jennifer Mangani




David Deguara (Eurobasket) fil-pussess tal-ballun fil-logħba kontra Floriana

## KLASSIFIĊI KOLLHA

**Kampjonat Nisa**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | 3 | 3 | 0 | 208 | 76 | 6 |
| Depiro | 3 | 2 | 1 | 172 | 78 | 5 |
| Hibs | 2 | 2 | 0 | 122 | 55 | 4 |
| Kerygma | 3 | 1 | 2 | 117 | 163 | 4 |
| St James | 2 | 1 | 1 | 58 | 101 | 3 |
| Suns | 3 | 0 | 3 | 80 | 190 | 3 |
| Sliema W. | 2 | 0 | 2 | 61 | 125 | 2 |

**Young Men**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Depiro | 6 | 5 | 1 | 351 | 222 | 11 |
| Siggiewi | 5 | 4 | 1 | 365 | 247 | 9 |
| St James | 5 | 3 | 2 | 287 | 249 | 8 |
| Sliema W | 4 | 2 | 2 | 258 | 213 | 6 |
| Luxol | 4 | 2 | 2 | 207 | 209 | 6 |
| Qormi | 4 | 0 | 4 | 196 | 330 | 4 |
| Naxxar | 4 | 0 | 4 | 95 | 319 | 4 |

**Young Women**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Depiro | 4 | 4 | 0 | 204 | 141 | 8 |
| Sliema | 5 | 2 | 3 | 196 | 187 | 7 |
| Luxol | 4 | 2 | 2 | 155 | 181 | 6 |
| Hibs | 3 | 2 | 1 | 122 | 120 | 5 |
| St James | 4 | 0 | 4 | 120 | 168 | 4 |

**Junior Men**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | 6 | 6 | 0 | 446 | 244 | 12 |
| St James | 6 | 5 | 1 | 391 | 227 | 11 |
| Qormi | 7 | 4 | 3 | 363 | 322 | 11 |
| Depiro | 6 | 4 | 2 | 305 | 264 | 10 |
| Pembroke | 6 | 2 | 4 | 282 | 380 | 8 |
| Eurobasket | 6 | 1 | 5 | 199 | 397 | 7 |
| Siggiewi | 7 | 0 | 7 | 217 | 369 | 5 |

**Junior Women**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | 5 | 5 | 0 | 288 | 164 | 10 |
| Hibs | 6 | 4 | 2 | 340 | 295 | 10 |
| Depiro | 6 | 4 | 2 | 258 | 239 | 10 |
| Pembroke | 5 | 1 | 4 | 259 | 240 | 6 |
| St James | 6 | 0 | 6 | 169 | 376 | 6 |

**Cadets**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| St James | 4 | 3 | 1 | 184 | 101 | 7 |
| Pembroke | 4 | 3 | 1 | 198 | 141 | 7 |
| Luxol | 3 | 3 | 0 | 135 | 58 | 6 |
| Naxxar | 4 | 2 | 2 | 149 | 107 | 6 |
| Eurobasket | 4 | 2 | 2 | 129 | 130 | 6 |
| Qormi | 3 | 2 | 1 | 151 | 74 | 5 |
| Floriana | 3 | 1 | 2 | 73 | 87 | 4 |
| Depiro | 4 | 0 | 4 | 54 | 237 | 4 |
| Mellieha | 3 | 0 | 3 | 31 | 169 | 3 |

**Cadettes**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | 4 | 4 | 0 | 180 | 98 | 8 |
| Pembroke | 4 | 3 | 1 | 101 | 55 | 7 |
| Depiro | 4 | 3 | 1 | 126 | 103 | 7 |
| Naxxar | 4 | 2 | 2 | 139 | 105 | 6 |
| Hibs | 4 | 2 | 2 | 127 | 96 | 6 |
| Eurobasket | 4 | 2 | 2 | 97 | 102 | 6 |
| St James | 4 | 0 | 4 | 60 | 136 | 4 |
| Mellieha | 4 | 0 | 4 | 32 | 167 | 3 |



Azzjoni mill-logħba Khimki v Kavallieri





Dwell bejn players ta' Khimki u Kavallieri



Dwell bejn players ta' Khimki u Kavallieri

# Khimki jirbħu l-logħbiet



Player ta' Sharks Saddles

Wara l-glorja u r-rebħ ta' l-unur tal-Fidda għat-Team Nazzjonali tan-Nisa fis-serata ta' l-MOC Sports Awards, it-timijiet lokali tan-nisa reġgħu lura għall-logħob kontra t-team Russu ta' Khimki, li matul is-sena l-oħra rebaħ it-tournament ġewwa Franza. Dan it-team għeleb it-tlett timijiet lokali fil-Quad Tournament ġewwa l-Marsa.

B'coaching eċċelenti, u bl-entużjażmu mill-partitarji tagħhom, ir-Russi rnexxielhom jiftħu l-logħob u jqassmu lejn il-players li kienu qed jistennew il-ballun fuq il-ġnub. It-tackling ta' dan it- team ħasad lil attakkanti Maltin, u meta dawn ta' l-aħħar irnexxielhom jgħaddu bil-ballun, ir-Russi b'ħeffa kbira, ma damux biex jilħquhom u jirbħu l-ballun lura.

Kollox ma' kollox kienet esperjenza tajba għal parteċipanti kollha, logħob li jgħin jgħolli l-livell tal-players Maltin.

| | |
|---|---|
| Kavallieri....... 19 | Sharks........... 0 |
| Panthers........ 0 | Khimki........... 43 |
| Panthers........ 0 | Sharks........... 51 |
| Kavallieri........ 7 | Khimki.......... 15 |
| Kavallieri........ 22 | Panthers........ 0 |
| Sharks............ 7 | Khimki......... 19 |


Azzjoni mill-logħba bejn Panthers u Sharks


Dwell bejn il-players ta' Kavallieri u Stompers




Taqtiegħa għall-ballun bejn avversarji ta' Kavallieri u Stompers

CISK Finest Quality Lager Beer

# kollha

# Kavallieri jirbħu b'wirja mpressjonanti

MALTA RUGBY FOOTBALL UNION

**Kavallieri....... 28 Stompers....... 17**

It-team ta' Kavallieri York Cisk Excel taw wirja eċċellenti u dan jikkonferma li din is-sena ser jiġġieledu għall-unuri. Sa tmiem l-ewwel taqsima l-iskor kien 18-0 favur Kavallieri. B'logħob sabiħ, tqassim eċċellenti u ħeffa rnexxielhom mhux biss iżommu lil Stompers iżda wkoll jiddettaw il-logħob matul il-ħin regolamentari.

Mill-bidu tal-logħba Kavallieri York ħolqu pressjoni territorjali. L-ewwel try għall-Kavallieri York waslet permezz ta' pass lil fly half Roderick Attard, li sab l-ispazju fid-difiża opposta u b'finta irnexxielu jagħmel l-ewwel ħames punti. Roderick Attard lagħab waħda mill-aħjar logħbiet tiegħu fejn rajnieh jilgħab b'grinta u juża t-tattika tal-ġiri angolat. Flimkien miegħu kellu logħba tajba Michael Bonavia, fejn kienu ħafna d-drabi li rnexxielhom jagħtu spinta 'l quddiem bil-ballun lit-team. L-esperjenza tal-left winger Ingliż Mark Hutchinson, kompliet iżżid il-qawwa tat-team.

Is-supremazija ta' Kavallieri malajr sarrfet f'żewġ penalties favur tagħhom, it-tnejn jiġu skorjati minnRoderick Attard.

Fit-tieni taqsima, l-Kavallieri reġgħu ħarġu tajjeb. Iżda f'din it-taqsima, kien is-center ta' l-iStompers, Malcolm Attard li bbrilla fil-logħob tiegħu, speċjalment fit-tackling u b'hekk fid-difiża. Kienet il-ħeffa ta' Malcolm Attard li wasslet biex Stompers jagħmlu l-iskor aktar rispettabbli. Meta Stompers dehru ser jaqbdu r-ritmu, Kavallieri malajr saħħew ir-riżultat tagħhom bi try finali tal-player internazzjonali Malti Jason Ramage.

| Klassifika | Logħob | Pti |
|---|---|---|
| Kavallieri York Cisk Excel | 3 | 14 |
| Stompers TGI Fridays | 3 | 11 |
| Global Air Overseas | 3 | 10 |
| Alligators Cisk Export | 4 | 5 |
| Budweiser Qormi Sharks | 3 | 0 |

**Kavallieri York Cisk Excel RFC:** I. Borda, I. Borg, N. Borg, J. Cutajar, D. Borg, P. Mangion, D. Grima (c), R. Bonavia, S. Doublesin, R. Attard, M. Hutchenson, M. Bonavia, C. Vassallo, E. Lautier, P. Micallef.
**Sostituti** – G. Attard, R. Degiorgio, A. Grech Sant, J. Ramage, K. Psaila Montford, A. Camilleri, J. Gatt.
**Coach** – Richard Beerman.

**Stompers TGI Fridays RFC:** L. Mifsud, A. Bonello, D. Cerketa, L. Wynne, K. Zammit, J. Tonna, Z. Demajo, M. Camilleri, M. Mirabelli, P. Satariano (c), N. Hardie, E. Willis, M. Attard, L. Debattista, G. Boulais.
**Sostituti** - M. Von Brockdorff, M. Spiteri, D. Mascena, J. Reljic, G. Brincat, A. Camilleri, M. Galea.
**Coach** – Leon Wynne.
**Referee:** Donald Hewer
**Skorers:** Tries – R. Attard 7; D. Grima 30; L. Debattista 47; D. Borg 57; M. Attard 62, 73; J. Ramage 75
*Conversions* – R. Attard 7; P. Satariano 62
*Penalties* – R. Attard 19, 37
**MoM:** R. Attard (Kavallieri)

# Sa mill-ewwel round il-"Big Boy" beda jħoss l-effett tad-daqqiet

**minn E.J. 04** — **VI parti**

Kollox kien lest biex jingħata bidu għal din il-ġlieda tant mistennija. Meta l-boxer Malti, Charlie "Big Boy" Cutajar, daħal fir-ring ingħata ovazzjoni kbira minn dawk kollha preżenti.

Il-partitarji numerużi tiegħu kienu ilhom jistennew dan il-mument għal għaxar snin. Quddiemhom raw bniedem ieħor f'Charlie. Filwaqt li għaxar snin qabel kellu statura akbar iżda kemmexejn imżaqqaq, dak in-nhar tal-ġlieda Charlie kellu statura ta' gladjatur b'ġisem kollu immuskolat.

Ħadd minnhom qatt ma għaddietlu minn rasu li dik kienet l-aħħar darba li kienu se jaraw lil Charlie fir-ring!!

Wara li ż-żewġ boxers qagħdu jippożaw għar-ritratti, ir-referee Jim Sawyer sejħilhom fiċ-ċentru tar-ring għall-proċess formali ta' qabel kull ġlieda fejn wissihom ukoll li jekk xi ħadd minnhom kellu jikser xi regola tal-boxing kellu jiġi skwalifikat minnufih.

Eżatt wara, iż-żewġ boxers marru fl-irkejjen rispettivi tar-ring biex jagħmlu l-aħħar tħejjijiet qabel ma jiffaċċjaw lil xulxin fejn ingħataw ukoll l-aħħar struzzjonijiet mill-coaches tagħhom ..... sakemm ..... indaqqet il-qanpiena biex tibda l-ġlieda.

Charlie u l-avversarju tiegħu resqu lejn iċ-ċentru tar-ring fejn bdew jistudjaw lil xulxin għal aktar minn 30 sekonda qabel ma xi ħadd minnhom xeħet l-ewwel daqqa ta' ponn.

Il-folla preżenti bdiet turi d-diżapprovazzjoni tagħha u bdiet tħeġġeġ lil Charlie biex ifajjar l-ewwel daqqa .... hekk għamel ... iżda .... kienet wisq fraġili .... il-boxer Taljan irreċiproka b'żewġ daqqiet .... iżda mingħajr ħsara.

F'nofs l-ewwel round, Francesco Piccanelli beda jattakka lill-boxer Malti billi għalaq l-ispazji kollha, xeħtu fir-rokna u xejjer bosta daqqiet li poġġew lil Charlie f'diffikultà.

Charlie beda jipprova jaħrab mid-daqqiet ta' Piccanelli u jjipprova jolqot lit-Taljan bil-ponn tal-lemin li kien l-aqwa arma tiegħu. Iżda Piccanelli beda jiġġieled skond il-pjan tiegħu konxju mill-fatt li id Charlie kienet aktar twila minn tiegħu u għaldaqstant beda juża ġismu kollu biex jattakka lill-"Big Boy".

Kull darba li Piccanelli beda jersaq lejn Charlie beda jfajjar daqqiet b'saħħithom u preċiżi biex Charlie deher ibati fit-tweġibiet tiegħu. Sa mill-ewwel round, il-boxer Malti deher ferut, tant, li beda jieħu nifsijiet qawwija minn ħalqu konsegwenza ta' l-effett tal-forza qawwija tad-daqqiet li beda jsofri. Dawk preżenti bdew jitolbu li tindaqq il-qanpiena għal tmiem l-ewwel round bit-tama li Charlie jilħaq jirkupra.

Mad-daqq tal-qanpiena, Charlie kellu espressjoni ta' uġigħ fuq wiċċu u resaq bil-mod lejn il-coach tiegħu. Dak il-ħin kien qed isofri minn ksur fil-kustilja (skond ir-rapporti mediċi) iżda ma qal lil ħadd.

X'ħin ingħata l-banketta biex ipoġġi fuqha, Charlie ma riedx u pprefera li jibqa' bil-wieqfa .... herqan biex jisma' l-qanpiena tat-tieni round .....

Meta dawk kollha preżenti raw lil Charlie f'dik is-sura u kien għadu kif intemm l-ewwel round, kulħadd beda jantiċipa li kienet se tkun ġlieda diffiċli għalih u l-unika għajnuna li setgħu jagħtuh kienet l-appoġġ kontinwu għall-motivazzjoni morali.

Fir-rokna opposta ... Piccanelli kien jidher frisk .... lest għat-tieni round.

(jissokkta - mill-ktieb ta' Fred Vella)



Charlie "Big Boy" u Francesco Piccanelli mar-referee, Jim Sawyer, qabel il-ġlieda



Charlie "Big Boy" fuq l-attakk kontra l-boxer Taljan Francesco Piccanelli



# MOC Sports Awards 2007

Nhar il-Ġimgħa filgħaxija fil-Grand Hotel Excelsior saret is-sitt edizzjoni ta' l-MOC Sports Awards. Waqt din is-serata jiġu onorati dawk l-atleti, uffiċjali u amministraturi sportivi li matul is-sena jkunu ddistingwew ruħhom fil-kamp sportiv b'parteċipazzjoni kemm fuq skala nazzjonali u kif ukoll internazzjonali.

B'dedikazzjoni u sagrifiċċju dawn l-atleti jkunu ħadmu u stinkaw biex jilħqu s-suċċess u huma d-dedikazzjoni u s-suċċess li Kumitat Olimpiku Malti jirrikonoxxi b'unuri li għandhom ikunu l-għan prinċipali ta' kull atleta emerġenti.

L-atleti kollha jiġu nominati mill-Assoċjazzjonijiet u l-Federazzjonijiet rispettivi tagħhom, bil-Kumitat Olimpiku Malti jirrikonoxxi lil atleti rebbieħa f'erba' kategoriji li huma dawk Platinum, Deheb, Fidda u Bronż.

Is-serata kienet ippreżentata minn Charles Saliba u Andreana Spiteri, filwaqt li l-Kumitat Organizzattiv kien immexxi minn Pippo Psaila. Preżenti r-Russu, Sergey Bubka, ex-champion Olimpiku fid-dixxiplina tal-Pole Vault. Bubka huwa wkoll membru fl-Eżekuttiv fi ħdan il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali u kif ukoll Chairman tal-Kumissjoni Atleti ta' l-istess IOC. F'kelmtejn qosra ta' l-okkażjoni Bubka qal li kull atleta jrid jistinka biex itejjeb il-livell tiegħu u stqarr ukoll li jekk jibqa' jsir xogħol bil-għaqal u jkompli jitkattar l-investiment fl-isport, xi darba Malta wkoll tasal biex tirbaħ l-ewwel midalja Olimpika tad-Deheb. Sergey Bubka irringrazzja lil Kumitat Olimpiku Malti tal-ħidma siewja u sellem lil kullħadd bl-awguriu tal-festi t-tajba.

Is-serata kompliet b'ħarsa lejn Team Malta, min kif tnediet sal-ġurnata tal-lum, ħarsa lejn dawk kollha li taw l-appoġġ tagħhom u awguriu biex fil-futur din it-tema tibqa' tikber u tikkonsolida fil-konsistenza tagħha.

Wara li ġew imħabbra r-rebbieħa fil-kategoriji kollha, Pippo Psaila qal li għal din is-sena l-unur fil-kategorija tal-Platinum ma kienx ser jingħata għaliex il-kumitat ta' l-għażla ħass li matul ix-xhur li għaddew ma kien hemm l-ebda mertu li kellu jiġi ppremjat b'dan l-unur .

Wara l-preżentazzjonijiet rispettivi, il-president tal-Kumitat Olimpiku Malti, l-Imħallef Lino Farrugia Sacco, ippreżenta l-unur Sport and Promotion of Olympism IOC Trophy 2007 lil ex-president tal-KOM, l-Imħallef Gino Camilleri li taħt il-presidenza tiegħu Malta ospitat il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, fl-1993. L-Imħallef Gino Camilleri huwa wkoll membru fil-kummissjoni ġuridika tal-Kumitat Olimpiku Ewropej.

Minbarra l-atleti, il-Kumitat Olimpiku Malti ppremja wkoll lil diversi persunaġġi li għexu għall-isport. Fil-fatt dawn ġew inklużi fil-Hall of Fame - Dr.George Abela, Peter Bonello, Louis Borg, Joe Cilia, Bertie Muscat u Benny Pace kienu l-membri eletti għall-2007, persuni li żgur m'għandhom bżonn ta' l-ebda introduzzjoni fix-xena sportiva. Ex-atleti, amminstraturi u ġurnalisti li għamlu isem għalihom u għall-isport Malti.

Kif stqarr f'għeluq l-avveniment, il-president tal-KOM il-Maġistrat Lino Farrugia Sacco, l-isport għandu rwol importanti ħafna fil-ħajja tagħna u l-atleti jwasslu dan il-messaġġ importanti lis-soċjetà. Huwa għalaq billi awgura s-sena tajba għall-isport Malti, liema sena l-2008 hija s-sena ta' l-Olimpjadi ta' Beijing.




Charles Camenzuli (KOM), Simon Sultana (MIA), Pippo Psaila u Joe Cassar (KOM) waqt il-konferenza għall-istampa dwar l-MOC Awards



Il-President u s-Segretarju tal-Kumitat Olimpiku Malti jiċċellebraw is-suċċess miksub flimkien ma' l-atleti




Ir-rebbieħa ta' l-unuri tal-Bronż



Ir-rebbieħa ta' l-unuri tal-Fidda

# Ir-Rebbieħa ta' l-MOC

## Atletika

Mario Bonello, Rachid Chouhal, Darren Gilford, Nicolai Portelli – (4x100m Relay)

Charlene Attard, Diane Borg, Theresa Mallia, Lara Scerri – (4x100m Relay)

Charlene Attard
Darren Gilford
Nicoalai Portelli
Francesca Xuereb
Martina Xuereb



4x100 Irġiel



4x100 Nisa



Francesca Xuereb



Martina Xuereb



It-Team Nazzjonali tal-Football

## Football

Gilbert Agius, Ian Azzopardi, Roderick Bajada, Etienne Barbara, Daniel Bogdanovic, Roderick Briffa, Ian Ciantar, Andrew Cohen, Luke Dimech, Justin Haber, George Mallia, Claude Mattocks, Michael Mifsud, Josef Mifsud, Mario Muscat, Jamie Pace, Peter Pullicino, Brian Said (Captain), Kevin Sammut, Terence Scerri, Andrei Schembri, Gareth Sciberras, Kenneth Scicluna, Steve Wellman, Ivan Woods, Udo Nwoko – Team Nazzjonali ta' l-Irġiel



Philip Caruana Turner

## Gymnastics

Philip Caruana Turner

## Judo

Evgeny Ulanov, Kriss Law, Brent Law, Jerome Zammit – (Judo Team)

Marcon Bezzina - Joanna Camilleri



Marcon Bezzina



Joanna Camilleri

## Rugby

Amanda Cassar, Colette Abela, Charmaine Gauci, Marion Azzopardi, Esther Azzopardi (Captain), Charlene Vassallo, Tessabelle Sultana, Beverie Sultana, Victoria Aquilina, Dorianne Borg – Team Nazzjonali tan-Nisa

## Ibburdjar

Benji Borg
Sean Borg
Ella Fleri Soler

AirMalta Malta Falcon II ta' l-iSkipper Martin Scicluna u l-ekwippaġġ Matthew Scicluna, Matthew Xuereb, Martin Borg Nicholas, Lawrence Vento, Jason Galea, Harold Mallia, Des McWilliams, Andy Knowles, Nicolas Sammut

Elusive MedBank ta' l-iSkipper Arthur Podesta u l-ekwippaġġ Maya Podesta, Aaron Podesta, Christoph Podesta, Mark Vella, Paul Apap Bologna, Paul Borg Cardona, Ben Robinson, Concetto Costa



Benji Borg

# Sports Awards 2007


It-Team Nazzjonali tar-Rugby


Sean Borg


Ela Fleri Soler

## Għawm

Angela Galea
Madeleine Scerri


Angela Galea


Madeleine Scerri

## Table Tennis

Andrezej Makowski, Simon Gerada – Team Table Tennis

Yu Wang


Andrezej Makowski u Simon Gerada


Yu Wang

## Table Football

Derek Conti (Captain), Massimo Cremona, Samuel Bartolo, Mark Gauci, Stefan Pace – Team Table Football


It-Team Nazzjonali Malti

## TenPin Bowling

Mark Spiteri


Mark Spiteri

## Sqaush

Theresa Camilleri, Annabelle Olivieri Monroe, Johanna Rizzo – Team Nazzjonali tan-Nisa


It-Team Nazzjonali Malti

## Hall of Fame

Dr. George Abela
Peter Bonello
Louis Borg
Joe Cilia
Bertie Muscat
Benny Pace


Gino Camilleri

## Sport and Promotion of Olympism IOC Trophy 2007

Gino Camilleri

# L-ewwel Show mill-RC Model Power Boat Club



Matul ix-xahar ta' Diċembru sar l-ewwel RC Boat Show organizzat mill-RC Model Power Boat Club. Dan sar ġewwa Marsaxlokk u d-dilettanti kollha ta' dan l-isport kellhom iċ-ċans juru l-mudelli tagħhom. L-għaqda tinsab viċin sabiex tibda' torganizza avvenimenti fil-bajjiet lokali, f'postijiet addattati għal dawn il-mudelli.

Id-dgħajjes huma mgħammra b'makni 25cc petrol 2 stroke u uħud b'makni methanol. Matul Novembru saru xi provi fejn id-dgħajjes kienu misjuqa fil-bajja tal-Mistra. Dawk li jaħdmu bil-petrol mingħajr ċomb b'makni 2 stroke jilħqu saħħa ta' bejn 35 u 60 mil fis-siegħa, filwaqt dawk il-makni 2 stroke li jaħdmu bil-methanol jilħqu saħħa ta' bejn 50 u 70 mil fis-siegħa. Uħud minn dawn il-mudelli jinbnew f'Malta u għaldaqstant dawn jiġu mibnija biex jinsaqu f'baħar miftuħ u mhux kif jiġri barra pajjiżna jinsaqu fi xmajjar u għadajjar kbar mingħajr wisq kurrent.

Id-dgħajjes ta' barra jistgħu jilħqu saħħa ta' aktar minn 100 mil fis-siegħa. Ir-rekord dinji tal-veloċita massima huwa ta' 134 mil fis-siegħa fil-kategorija ta' l-eletrikku u ta' 120 mil fis-siegħa għal makni li jaħdmu bil-methanol.

Il-club li għandu madwar 40 membru jheġġeġ lil dawk kollha nteressati f'dan l-isport, sabiex jagħmlu kuntatt mal-kumitat bl-email fl-indirizz: albertattard@onvol.net



# RIŻULTATI LOKALI RIŻULTATI LOKALI RIŻULTATI LOKALI RIŻULTATI LOKALI

## DARTS – DIVIŻJONIJIET 1, 2 & 3

**Kampjonat 8-a-side**

| | |
|---|---|
| Jesmond Print Right v Żabbar Southcliff | 3-5 |
| Mosta Shangai v Caccu SC Vernilac | 3-5 |
| Clamus Pawla Wolves v Mqabba Lily BC | 8-0 |
| P.O.'s Bar v Beland Band Club | 7-1 |
| St. George's BC v Sagra Familja BC | 5-3 |
| Mqabba Football Club v Marsa St. Michael | 6-2 |
| R. Arrigo Ta' Giorni v Karettun Bar | 7-1 |
| St. Joseph BC Ghaxaq v Shaggy Pub | 8-0 |
| Hobbies Society v Bormla Boċċi Club | 3-5 |
| Duke of Counnaught v Xuereb Installations | 5-3 |

**Kampjonat 4-a-side**

| | |
|---|---|
| Caccu SC Vernilac v Il-Fanal Floriana Ajax A | 11-5 |
| Clamus Pawla A v Żabbar Southcliff A | 15-1 |
| Juventus Zeus B v Jesmond Print Right | 6-10 |

**FAHRENHEIT FREIGHT SWAN CHRISTMAS CUP KNOCK-OUT - SEMI-FINALS**

| | |
|---|---|
| Mtarfa FC v Ta' Giorni Wolves | 2-5 |
| Valletta St. Pauli v San Gwann '93' | 5-1 |

Il-partita Finali ta' din il-kompetizzjoni bejn Valletta St. Pauli u Ta' Giorni Wolves mistennija ssir fit-22 ta' Diċembru, fis-13:45 ġewwa l-Ground ta' San Gwann.

## VOLLEYBALL - Kampjonat Irġiel

| | |
|---|---|
| Marsascala Blues v Marsascala Mapei | 1-3 |

**Kampjonat Nisa**

| | |
|---|---|
| Flyers v Paola Candy | 0-3 |
| Playvolley Red v Playvolley Blue | 1-3 |

## NETBALL - Kampjonat U-21

| | |
|---|---|
| All Ages Too v Mellieħa Minis | 33-7 |
| Kerygma Banjos v NRG U-21 | 25-11 |
| New Ages Devils v Kerygma Kaizers | 3-42 |

**Kampjonat II Diviżjoni**

| | |
|---|---|
| All Ages Emotions v United | 8-30 |
| Kerygma Banjos v Kerygma Kaizers | 15-22 |
| Mellieħa v Ta' Xbiex ASC | 17-41 |

## HANDBALL - APS CUP - Kampjonat Nisa

| | |
|---|---|
| Ta' Xbiex Kavallieri ASC v La Salle Vitality | 16-23 |
| Aloysians Express v D6 Living Well HCM | 21-10 |

**Men's Promo**

| | |
|---|---|
| Kavallieri Rayair v La Salle Kia Motors | 19-19 |
| Aloysians Kelme v La Salle Piatnik | 16-23 |

**Subien**

| | |
|---|---|
| Kavallieri SMC v DHS | 18-28 |

## HOCKEY - Kampjonat Nazzjonali

Whitehart v Hunters Towe YS 1-1 H.T - 0-0
Skorers - Clifford DeRaffaele 9 (F), Patrick Meli 65 (W)

Sliema Hotsticks v Rabat Depiro 1-2 H.T - 0-2
Skorers - Charlo Antonelli 6, Chris Bugeja 8 (R), Shawn Mifsud 48 (S)

## BADMINTON - H2 ONLY MIXED LEAGUE PREMIER DIVISION

| | |
|---|---|
| Pawla Wolves Assikura v Birkirkara BC | 3-2 |

## AĦBARIJIET ATLETIKA

Fit-13 ta' Diċembru ġewwa Birkirkara saret tellieqa ta' 5KM imtella' mill-Malta Amateur Athletic Association. Mill-Kategorija ta' l-Irġiel, Jonathan Balzan (St. Patrick's AC) ħareġ rebbieħ f'ħin ta' 31:35, fit-tieni post daħal Gerald Grech (AS Libertas) f'ħin ta' 31:38 u warajh Brian Magri (Pembroke Athleta) f'ħin ta' 32:15. Mill-Kategorija tan-Nisa, Joelle Cortis (Pembroke A) f'ħin ta' 37:58 spiċċat fl-ewwel post, b'Angela Sammut (St. Patrick's AC) issegwi f'ħin ta' 38:18. Carmen Hili (St. Patrick's AC) ireġġistrat ħin ta' 38:30 sabiex kisbet it-tielet post rispettivament.

## SPARAR

Fis-16 ta' Diċembru 2007 saret il-Christmas Shoot imtella' mill-Malta Shooting Sport Federation bil-parteċipazzjoni ta' Giovanni Pellielo, it-Trap World Champion kif ukoll rebbieħ ta' Midalja Olimpika.

Għal din il-kompetizzjoni ħadu sehem 58 tiratur fil-Kategoriji ta' l-iSkeet, it-Trap u d-Double Trap. Il-kompetizzjonijiet kienu fuq ħamsin (50) plattina. Noel Attard, Horace Micallef u Giovanni Pellielo laqtu 46 plattina minn 50, filwaqt li Jeffrey Pisani, Armando Louisiana u William Chetcuti laqtu 44 plattina minn fost 50 plattina.

Fil-ġimgħa li Giovanni Pellielo kien f'Malta, hu ġie onorat bħala Kavallier mill-Order of Saint John of Jerusalem Knight Hospitaller.

# WHERE THERE IS SPORT

## THERE IS EuroSport

Malta's Largest & Leading Mega Sports / Casual Shops



**Our Christmas Campaign Offer**

EuroSport will give you 20% of what you spend on non-sale items in Money Vouchers

when purchasing Lm30 and over

Money vouchers exchanged from Christmas Mania or EuroSave outlet at Psaila Street, Birkirkara









**Our philosophy is to cater & service for all sports disciplines**

Stockists of a wide variety of sports equipment including: Football, Basketball, Handball, Rugby, Volleyball, Athletics, Tennis, Squash, badminton, Swimming, Table Tennis, Workout, Darts, Billiard, Snooker, Gym Equipment, Subaqua etc



adidas · Kappa · Skechers Footwear · LEGEA · arena · Cressi-sub Professional Diving Equipment · HEAD · max Lo sport per passione

We offer **ATTRACTIVE DISCOUNTS**
on Football Shoes, Football Kits and other Technical Equipment
to all Clubs, Associations and Individuals

For more information kindly contact Fabian Catania on 9983 5958 or 2385 9200

EuroSport is the leading chain of retail sports shops in Malta & Gozo
Psaila Street, B'Kara - Tel: 2385 9259

# Robert Arrigo & Sons



*Your Travel & Tourism Partner*

*Outstanding quality service for business & leisure travel*

Robert Arrigo & Sons Ltd
48, Main Street, St. Julians STJ 08
E-mail: info@robertarrigo.com
Tel: +356 2328 5000
Fax: +356 2328 5139